IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.7.2018
COM(2018) 284 final/2

2018/0143 (COD)

CORRIGENDUM
This document corrects document COM(2018) 284 final of 17.05.2018
Concerns all language versions.
Correction of minor non-substantial errors in the act and its annexes.
The text shall read as follows:

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2018) 233 final} - {SWD(2018) 185 final} - {SWD(2018) 186 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Skont il-Ftehim ta' Pariġi, l-Unjoni Ewropea (l-UE) impenjat ruħha li tipprevjeni t-tibdil fil-klima billi tillimita t-tisħin globali għal ferm inqas minn 2 °C. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) hu prerekwiżit importanti biex jitwettaq dan l-impenn.

Il-qafas tal-2030 tal-UE għall-klima u l-enerġija jinkludi mira ta' tnaqqis ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet GHG domestiċi tal-UE meta mqabbel mal-livelli fl-1990. Kull settur se jkollu r-rwol tiegħu x'jaqdi biex jintlaħaq dan il-livell ta' ambizzjoni u biex jiġu evitati l-ispejjeż u l-impatti severi tat-tibdil fil-klima.

Is-settur tat-trasport bit-triq għandu importanza ewlenija biex jonqsu l-emissjonijiet GHG u tiġi dekarbonizzata l-ekonomija tal-UE. Il-vetturi ħfief (LDV) – il-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief (vannijiet) – diġà qed jagħtu sehemhom biex jonqsu l-emissjonijiet u fl-2017 ġiet proposta leġiżlazzjoni[1] biex wara l-2020 jibqgħu jonqsu.

It-trasport tal-merkanzija bit-triq hu essenzjali għall-iżvilupp tan-negozju u l-kummerċ fil-kontinent Ewropew. It-trakkijiet iġorru madwar 70 % tal-merkanzija trasportata bit-triq u jwasslu wkoll bosta servizzi pubbliċi essenzjali. Is-settur tat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija bit-triq jikkonsisti l-aktar minn intrapriżi żgħar u medji (SMEs), b'aktar minn 600 000 intrapriża madwar l-UE li jħaddmu kważi 3 miljun persuna. Xi 3,5 miljun persuna oħra huma impjegati fil-manifattura, il-bejgħ, il-kiri, it-tiswija u l-assigurazzjoni tat-trakkijiet.

Filwaqt li l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal (HDV), jiġifieri t-trakkijiet, ix-xarabanks u l-kowċis, jammontaw għal madwar 6 % tal-emissjonijiet kollha tal-UE u 25 % tal-emissjonijiet tas-CO_2 tat-trasport bit-triq fl-UE, bħalissa dawn mhumiex regolati fil-livell tal-UE Dan joħloq tliet problemi ewlenin.

<u>L-ewwel</u> mingħajr azzjoni ulterjuri, hu mbassar li l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal (HDV) jiżdiedu b'9 % tul il-perjodu 2010-2030 minħabba żieda fl-attivitajiet tat-trasport. Kif turi l-Valutazzjoni tal-Impatt[2] mehmuża mal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għal-LDV wara l-2020, hemm bżonn aktar miżuri fis-settur tat-trasport bit-triq li jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-2030 stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

<u>It-tieni</u>, l-operaturi tat-trasport u l-klijenti tagħhom bħalissa qed jitilfu l-possibbiltà li jiffrankaw il-fjuwil u li jħallsu inqas għall-fjuwil. Filwaqt li t-teknoloġiji kosteffettivi għal tnaqqis fl-emissjonijiet huma faċilment disponibbli, dawn mhumiex mifruxin estensivament fis-suq tal-HDV. Dan hu għad-detriment tal-operaturi tat-trasport, l-aktar l-SMEs jew il-mikrointrapriżi, li jistgħu jġarrbu spejjeż tal-fjuwil aktar minn kwart tal-ispejjeż operattivi totali tagħhom.

<u>It-tielet</u>, il-manifatturi tal-HDV fl-UE qe iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet kompetittivi dinjin dejjem akbar, għax l-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun u ċ-Ċina diġà implimentaw miżuri regolatorji biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV. Is-settur awtomobilistiku

[1] COM(2017) 676 final

[2] SWD(2017) 650 final

tal-UE jeħtieġlu jżomm il-pass mal-iżviluppi teknoloġiċi f'dawn is-swieq ħalli jibqa' bit-tmexxija teknoloġika li għandu fejn tidħol l-effiċjenza tal-fjuwil tal-vetturi.

Hemm bosta bċejjeċ differenti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq li jindirizzaw il-problemi msemmija hawn fuq sa ċertu punt. Dawn jikkonċernaw il-provvista, id-domanda, l-ekonomika u l-istrument ta' aġevolazzjoni. Iżda dawn il-miżuri mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw l-ostakli ewlenin tas-suq li jxekklu l-adozzjoni ta' teknoloġiji effiċjenti fl-konsum tal-fjuwil.

Il-proposta għal standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-HDV ġodda tistabbilixxi miżura kumplimentari għan-naħa tal-provvista fil-livell tal-UE li tindirizza dawn l-ostakli tas-suq, b'dawn l-għanijiet ewlenin li ġejjin:

– Jonqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 mis-settur tal-HDV b'konformità mar-rekwiżiti tal-politika tal-UE dwar il-klima, u mal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jonqos it-tniġġis tal-arja b'mod partikolari fil-bliet.

– Jeħfief it-tnaqqis fl-ispejjeż operattivi għall-operaturi tat-trasport, li ħafna minnhom huma SMEs, u b'mod aktar ġenerali l-ispejjeż tat-trasport għall-konsumaturi li jiddependu fuq pass-through tal-iffrankar tal-fjuwil.

– Tinżamm il-pożizzjoni ta' tmexxija teknoloġika u innovattiva tal-UE li għandhom il-manifatturi u l-fornituri tal-komponenti tal-HDV.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hi parti mit-Tielet Pakkett dwar il-Mobbiltà. Din twettaq l-impenn li sar fl-Istrateġija Ewropea tal-2016 dwar il-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet, li fost il-miri tagħha hemm it-tnaqqis fl-emissjonijiet GHG tat-trasport bit-triq b'mill-anqas 60 % sal-2050 meta mqabbel mal-livelli tal-1990 u tistabbilixxi standards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-HDV.

Il-proposta tissejjes fuq miżuri ta' politika eżistenti oħrajn tal-UE dwar il-mobbiltà li jaffettwaw l-ambjent regolatorju, u tikkumplimentahom, filwaqt li tinċentiva l-mobbiltà b'livell baxx ta' emissjonijiet fis-settur tal-vetturi tqal, bħar-Regolament taċ-Ċertifikazzjoni[3], ir-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rappurtar[4], is-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, id-Direttiva dwar il-Eurovignette[5], id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Fjuwil[6], id-Direttiva dwar Vetturi Nodfa[7], id-Direttiva dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati[8] u d-Direttiva dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (AFID)[9].

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx tal-karbonju, sigura u kompetittiva u tgħin biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' mill-inqas 40 % stabbilita fl-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija[10]. Din se tgħin ukoll lill-Istati Membri

---

[3] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 rigward id-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal.

[4] COM(2017) 0279 final

[5] Id-Direttiva 2011/76/UE

[6] Id-Direttiva 2009/30/KE

[7] Id-Direttiva 2009/33/KE

[8] Id-Direttiva 2015/719/UE

[9] Id-Direttiva 2014/94/UE

[10] COM(2015) 080 final

biex jilħqu l-miri nazzjonali ta' tnaqqis fl-emissjonijiet stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi[11].

Fl-aħħar nett, il-proposta hi konformi wkoll mal-impenn ta' livell dinji tal-Unjoni li jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-klima skont il-ftehim li sar f'Pariġi waqt il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21).

Billi tindirizza kwistjonijiet relatati mal-pożizzjoni ta' tmexxija teknoloġika u innovattiva li għandha l-industrija awtomobilistika tal-UE, il-proposta hi konsistenti mal-Istrateġija Mġedda għall-Politika Industrijali[12], li tenfasizza li industrija awtomobilistika moderna u kompetittiva hi kruċjali għall-ekonomija tal-UE. Barra minn hekk, billi tħeġġeġ l-użu ta' teknoloġiji ġodda li jiffrankaw il-fjuwil, il-proposta tikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni b'rabta mal-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikoli 191 sa 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jispeċifikaw il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima. B'mod partikolari, dawn jipprovdu l-bażi ġuridika għal azzjoni dwar il-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV.

L-UE diġà ħadet azzjoni fil-qasam tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi bl-adozzjoni tar-Regolamenti (KE) 443/2009 u (UE) 510/2011, li jistabbilixxu limiti għall-emissjonijiet tas-CO_2 mill-karozzi u l-vannijiet. Il-Kummissjoni adottat ukoll proposta għal Regolament dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil mill-vetturi tqal ġodda. Dawn ir-Regolamenti kienu ssejsu fuq il-Kapitolu dwar l-Ambjent li hemm fit-Trattat, jiġifieri l-Artikolu 192 tat-TFUE.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Il-ħtieġa ta' azzjoni mill-UE

It-tibdil fil-klima hu problema transfruntiera u fl-istess waqt hi kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri. It-trasport tal-merkanzija bit-triq għandu wkoll dimensjoni transfruntiera fid-dawl tas-servizz speċifiku li jrendi. It-trasportazzjoni tal-merkanzija ma ssirx biss internament f'pajjiż iżda anki bejn l-Istati Membri, u l-HDV jistgħu jiġu nnegozjati mal-UE kollha.

Għaldaqstant, l-azzjoni tal-UE hi ġustifikata minħabba l-effetti transfruntieri tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li jitħarsu s-swieq uniċi tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija bit-triq kif ukoll dawk tal-HDV.

Mingħajr azzjoni fil-livell tal-UE, wieħed ikollu jiddependi mill-inizjattivi tal-Istati Membri biex jonqsu l-emissjonijiet mill-HDV. Iżda bħalissa, ħafna Stati Membri japplikaw trattament preferenzjali tat-taxxa għall-fjuwil użat fis-settur tat-trasport tal-HDV, u ftit hemm sinjali li dan se jinbidel fil-futur. Il-livelli attwali tat-taxxa fuq il-fjuwil ma kkawżawx iż-żieda meħtieġa fl-effiċjenza tal-fjuwil.

Minbarra dan, deċiżjoni bħal din titħalla f'idejn l-Istati Membri u aktarx li l-Istati Membri f'daqqa mhux se jżidu fil-livelli tat-taxxa fuq il-fjuwil għal livell li jista' jwassal għal titjib

[11] COM(2016) 482 final

[12] COM(2017) 479 final

sinifikanti fl-effiċjenza. Barra minn hekk, il-politika tat-taxxa tal-UE hi soġġetta għal unanimità u dan jagħmilha diffiċli li jkun hemm armonizzazzjoni f'dan il-qasam ta' politika.

Minħabba f'hekk, iż-żieda possibbli fil-livelli tat-taxxa fuq il-fjuwil tista' tkun biss kumplimentari iżda ma tistax tieħu post l-istabbiliment ta' standards tal-emissjonijiet tas-CO_2.

Apparti hekk, jekk l-azzjoni titħalla f'idejn l-Istati Membri, jaf jinħolqu skemi nazzjonali differenti, eż. skont il-miri stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi. Jekk dan iseħħ, jinħolqu livelli ta' ambizzjoni u parametri tat-tfassil differenti li jkunu jeħtieġu firxa ta' alternattivi teknoloġiċi, jonqsu l-ekonomiji ta' skala u tinħoloq frammentazzjoni tas-suq uniku.

Il-manifatturi jkollhom sehem differenti fis-suq tal-vetturi fi Stati Membri differenti, u għalhekk il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti jolqtuhom b'modi differenti u dan potenzjalment jikkawża distorsjonijiet kompetittivi.

Għalhekk hemm bżonn azzjoni koordinata u kumplimentari fil-livell Ewropew.

Il-valur miżjud ta' azzjoni mill-UE

Fid-dawl tas-suq uniku eżistenti għall-HDV ġodda, ikun aktar kosteffettiv li tiġi żgurata azzjoni armonizzata u jiġu stabbiliti miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-HDV ġodda fil-livell tal-UE. Anki jekk l-Istati Membri jistabbilixxu rekwiżiti regolatorji tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi l-ġodda, in-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn il-pajjiżi jista' jżid l-ispejjeż tal-konformità għall-manifatturi u jdgħajjef l-inċentiv ta' tfassil ta' HDV effiċjenti fil-konsum tal-fjuwil minħabba l-frammentazzjoni tas-suq Ewropew.

L-ispejjeż addizzjonali, minħabba n-nuqqas ta' standards komuni u ta' soluzzjonijiet tekniċi jew konfigurazzjonijiet tal-vetturi komuni, iġarrbuhom kemm il-fornituri tal-komponenti u anki l-manifatturi tal-vetturi. Iżda fl-aħħar mill-aħħar dawn jingħaddew għand il-konsumaturi li jġarrbu spejjeż ogħla tal-vetturi.

L-industrija awtomobilistika teħtieġ l-aktar ċertezza regolatorja possibbli biex tagħmel l-investimenti kapitali kbar meħtieġa ħalli timmassimizza l-ekonomija tal-fjuwil tal-vetturi ġodda, u b'mod aktar importanti għall-bidla lejn sistemi ta' propulsjonijiet alternattivi. Bi standards armonizzati fil-livell tal-Unjoni tinkiseb din iċ-ċertezza bi ppjanar fit-tul, u dawn ma jistgħux jiġu implimentati bl-istess effikaċja u ċertezza fil-livell tal-Istati Membri.

- **Proporzjonalità**

L-għażliet ta' politika koperti minn din il-proposta għandhom l-għan li jirregolaw l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV. Il-proposta hi orjentata strettament lejn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti.

Fid-dawl ta' dan, il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Din tistabbilixxi standards tal-emissjonijiet b'mod kosteffettiv biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV ġodda b'konformità mal-proċedura miftiehma fil-qafas tal-UE dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 filwaqt li fl-istess ħin tiżgura distribuzzjoni ġusta tal-isforzi bejn il-manifatturi.

Il-Kapitolu 7 tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuż ma' din il-proposta jagħti ħarsa lejn l-aspetti tal-proporzjonalità ta' kull waħda mill-għażliet ta' politika deskritti.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament jitqies bħala l-istrument legali xieraq għax jipprovdi l-assigurazzjoni meħtieġa għall-konformità mal-standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-manifatturi, filwaqt li ma jeżiġi l-ebda traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri. L-għan tal-UE

japplika għall-Unjoni kollha kemm hi. Għalhekk hu meħtieġ li tkun żgurata l-applikazzjoni ta' approċċ uniformi fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, kif spjegat hawn fuq, hemm bżonn approċċ armonizzat biex jiġu evitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni u r-riskji ta' frammentazzjoni tas-suq intern.

Din l-għażla hi konsistenti wkoll mal-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-karozzi ġodda tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief, stabbiliti fir-Regolamenti (KE) 443/2009 u (UE) 510/2011.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fid-dawl tan-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV, ma tista' ssir l-ebda evalwazzjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-Kummissjoni talbet ir-reazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati permezz tal-elementi li ġejjin:

(a) konsultazzjoni pubblika online bejn l-20 ta' Novembru 2017 u d-29 ta' Jannar 2018;

(b) sessjoni ta' ħidma tal-partijiet ikkonċernati fis-16 ta' Jannar 2018;

(c) laqgħat mal-assoċjazzjonijiet rilevanti tal-industrija li jirrappreżentaw lill-manifatturi tal-vetturi, lill-fornituri tal-komponenti u l-materjali, u lill-fornituri tal-fjuwil.

(d) laqgħat mal-awtoritajiet tal-Istati Membri, il-manifatturi tal-vetturi, il-fornituri, is-sħab soċjali u l-NGOs;

(e) dokumenti ta' pożizzjoni mingħand il-partijiet ikkonċernati u l-Istati Membri.

Sommarju tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati jinsab fl-Anness 2 tal-Valutazzjoni tal-Impatt mehmuża ma' din il-proposta.

L-eżiti ewlenin tal-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

Meta ntalbu, skont l-ordni ta' importanza, liema kienu l-alternattivi ppreferuti tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDVs ġodda, u li jikkontribwixxu għall-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030, l-alternattiva ppreferuta għall-partijiet ikkonċernati kollha kienet il-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 fil-livell tal-UE.

Madankollu, filwaqt li l-organizzazzjonijiet kollha tas-soċjetà ċivili jaqblu ma' miri vinkolanti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV fil-livell tal-UE, uħud mill-manifatturi tal-HDV u l-assoċjazzjonijiet tagħhom esprimew preferenza għal miżuri oħrajn permezz ta' approċċ komprensiv li jinkludi leġiżlazzjoni li tiddefinixxi skema tat-tikkettar tas-CO_2 fil-livell tal-UE, l-inklużjoni tas-settur tat-trasport fl-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet, inċentivi oħra bħal taxxi fuq il-fjuwil fil-livell nazzjonali, jew nollijiet tat-toroq ibbażati fuq is-CO_2.

Filwaqt li t-twaqqif ta' standards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-HDV mhux l-alternattiva ppreferuta li esprimew il-manifatturi, dawn ipproponew li jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-2025 u għall-2030 fil-firxa t'isfel tal-alternattivi kkunsidrati fil-

Valutazzjoni tal-Impatt, u appellaw għal reviżjoni tal-mira għall-2030 fil-bidu tal-għoxrinijiet (2020s).

L-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) ambjentali appoġġaw mira unika tas-CO_2 li tibda tapplika mill-2025 'il quddiem, f'livell li jikkorrispondi għall-ogħla firxa tal-alternattivi kkunsidrati, filwaqt li ssuġġerew li l-mira għall-2030 tiġi stabbilita aktar tard.

Fir-rigward tal-inċentivi għall-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi (ZEV/LEV), il-manifatturi esprimew preferenza għal skemi tas-superkrediti li permezz tagħhom dawn il-vetturi jingħaddu ħafna drabi biex tintlaħaq il-mira tas-CO_2 speċifika għall-manifattur. L-organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi kienu favur mandat li jitlob lill-manifatturi jirreġistraw sehem minimu ta' ZEV/LEV, jew mandat flessibbli li permezz tiegħu l-mira tas-CO_2 ta' manifattur tiġi llaxkata meta s-sehem ta' ZEV'/LEV jkun jaqbeż ċertu livell limitu.

L-implimentazzjoni kosteffettiva appoġġawha l-partijiet konċernati kollha, il-manifatturi qablu mal-aktar flessibbiltà wiesgħa possibbli u l-NGOs appoġġaw biss skema tal-iskambju. Ħafna mill-partijiet konċernati appoġġaw l-istabbiliment ta' proċess li jivvaluta r-rappreżentanza tal-emissjonijiet tas-CO_2 iċċertifikati kontra l-emissjonijiet fid-dinja reali.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Għall-valutazzjoni kwantitattiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-alternattivi ta' politika, ir-rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt jistrieħ fuq ġabra ta' mudelli u sett apposta ta' kurvi tal-ispejjeż li jkopru firxa wiesgħa ta' teknoloġiji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV.

Dawn li l-kurvi tal-ispejjeż, li juru l-potenzjal ta' tnaqqis tas-CO_2 u l-ispejjeż għal aktar minn 50 teknoloġija, ġew żviluppati bħala parti minn studju li għamlu l-kuntratturi tal-Kummissjoni[13] u l-ħidma tal-JRC[14].

Il-mudell PRIMES-TREMOVE jintuża għal projettazzjoni tal-evoluzzjoni tas-settur tat-trasport bit-triq għal firxa ta' xenarji. Il-Kummissjoni użat dan il-mudell b'mod konsistenti għall-inizjattivi tagħha dwar il-klima, l-enerġija u t-trasport. Barra minn hekk, il-mudell DIONE żviluppat mid-DĠ JRC intuża għall-valutazzjoni tal-ispejjeż u l-mudell makroekonomiku EXIOMOD intuża biex jikkwantifika l-impatti fuq il-PDG u l-fatturat settorjali.

Inġabret aktar informazzjoni bi studji ta' appoġġ ikkummissjonati minn kuntratturi esterni u li jinvolvu lill-JRC, b'mod partikolari li jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin:

- elementi li potenzjalment iħallu impatt fuq il-kompetittività industrijali u l-impjiegi;
- l-impatt ta' approċċi regolatorji, metriċi regolatorji u elementi tad-disinn possibbli (modalitajiet) differenti;
- l-impatti fuq il-GHG u l-emissjonijiet niġġiesa.

L-informazzjoni dwar id-dejta u l-mudelli analitiċi użati tinsab fil-Kapitolu 6 u fl-Anness 4 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

---

13 "Heavy Duty Vehicles – support for preparation of impact assessment for CO_2", studju għall-Kummissjoni minn TNO, TUG, CE Delft u ICCT, ir-rapport għad irid jiġi ppubblikat;

14 "Heavy Duty Vehicles CO_2 Emission Reduction Cost Curves and Cost Assessment – enhancement of the DIONE model", JRC, għad irid jiġi ppubblikat.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta ġiet mħejjija u żviluppata skont il-gwida applikabbli għal Regolamentazzjoni Aħjar. Il-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ħareġ opinjoni negattiva fuq l-ewwel abbozz fl-4 ta' April 2018.

L-abbozz rivedut inkorpora t-titjib li rrakkomanda l-Bord. Dan għandu x'jaqsam mal-elementi ewlenin li ġejjin: (1) kjarifiki u espansjoni tal-analiżi tal-fallimenti tas-suq, b'mod partikolari fejn jidħlu l-asimmetriji tal-informazzjoni tas-suq; (2) analiżi ulterjuri, preżentazzjoni aħjar u kjarifika dwar it-teknoloġiji disponibbli faċilment u prospettivi, kif ukoll l-inċertezzi relatati tagħhom – inkluż bl-inklużjoni ta' tabella sommarja tat-teknoloġiji; (3) preżentazzjoni aħjar tal-istrateġija passata u futura tal-Kummissjoni biex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV sal-2030; (4) aktar informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet bażiċi wara l-kalkoli fuq l-iffrankar mistenni.

It-tieni verżjoni tal-abbozz tal-Valutazzjoni tal-Impatt kisbet opinjoni pożittiva tal-Bord fid-19 ta' April 2018. Il-verżjoni finali fiha aktar titjib li jirrakkomanda l-Bord fl-opinjoni finali tiegħu: (1) aktar informazzjoni dwar l-importanza tal-ħidma preċedenti dwar il-kejl, iċ-ċertifikazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar, biex jiġu rregolati l-emissjonijiet tas-CO_2 mis-settur tal-HDV; (2) spjegazzjonijiet aħjar tal-inerzja fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jiffrankaw il-fjuwil, u kif l-inċertezzi tas-suq tat-trasport iwasslu biex l-operaturi ma jinvestux biżżejjed fit-teknoloġiji li jiffrankaw il-fjuwil.

L-alternattivi ta' politika

L-alternattivi ta' politika kkunsidrati fil-Valutazzjoni tal-Impatt huma miġbura f'ħames elementi ewlenin bil-għan li jindirizzaw il-problemi identifikati u jintlaħqu l-għanijiet ta' politika.

1) miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-flotta kollha tal-UE (il-kamp ta' applikazzjoni, il-kejl, l-unità metrika, il-livell, iż-żmien)

Fid-definizzjoni tal-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-flotta kollha tal-UE, tqiesu l-aspetti li ġejjin: il-kamp ta' applikazzjoni, il-kejl, l-unità metrika, il-livell, iż-żmien.

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, l-alternattivi kkunsidrati kienu biex ikunu koperti l-erba' gruppi ewlenin ta' vetturi li se jkunu koperti mir-Regolament taċ-Ċertifikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2019 jew biex ikunu koperti biss l-akbar grupp, fiż-żewġ każijiet bl-użu tal-istandards tas-CO_2 għall-vettura kollha. It-tielet alternattiva analizzata kienet iż-żieda ta' standards tas-CO_2 għall-magna biss.

L-alternattiva ppreferuta hi dik li tkopri l-erba' gruppi ta' vetturi bl-ogħla livelli ta' emissjonijiet tas-CO_2 u jiġu applikati standards tas-CO_2 għall-vettura kollha. Din tiżgura l-effikaċja massima mil-lat ta' benefiċċji ambjentali u valur miżjud.

B'rabta mal-kejl għall-miri, l-alternattivi kkunsidrati jinkludu l-approċċi Tank-to-Wheel (TTW) u Well-To-Wheel (WTW). Fir-rigward tal-unitajiet metriċi biex jiġu espressi l-miri, tqiesu tliet alternattivi, li kull waħda minnhom taħfen l-utilità tal-HDV fi grad differenti.

L-alternattiva ppreferuta hi l-użu tal-approċċ TTW u l-miri jiġu stabbiliti fi g CO_2/tkm. Dan jiżgura l-konsistenza mal-prattika regolatorja eżistenti, filwaqt li jevita r-regolamentazzjoni doppja u l-konfużjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-manifatturi u l-fornituri tal-fjuwil. L-unità metrika tqis bis-sħiħ ukoll l-utilità tat-trakkijiet koperti.

Ġiet ivvalutata firxa wiesgħa ta' livelli tal-mira u żminijiet differenti, li tkopri l-opinjonijiet espressi mill-partijiet ikkonċernati.

Fid-dawl tal-analiżi li saret, l-alternattiva ppreferuta hi li jiġu stabbiliti miri vinkolanti għal tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-2025 meta mqabbla mal-livelli tal-2019, abbażi tal-użu ta' teknoloġiji kosteffettivi disponibbli faċilment. Għall-2030, huma ferm akbar l-inċertezzi dwar l-adozzjoni ta' teknoloġiji aktar avvanzati li għadhom mhumiex disponibbli faċilment. Għalhekk l-alternattiva ppreferuta hi li tiġi stabbilita biss mira ambizzjuża għall-2030. Għaldaqstant jenħtieġ li fl-2022 issir reviżjoni bikrija biex: (i) tiġi stabbilita mira vinkolanti anke għall-2030; (ii) issir valutazzjoni tal-modalitajiet għall-implimentazzjoni; (iii) issir reviżjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ħalli jkun jinkludi wkoll trakkijiet iżgħar, ix-xarabans, il-kowċis u t-trejlers.

Approċċ bħal dan se jagħti sinjal ċar u bikri għal investimenti fl-aspettattivi ta' żmien medju u se jgħin lill-Istati Membri jilħqu l-miri stabbiliti skont ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi.

2) Distribuzzjoni tal-mira għall-flotta kollha tal-UE tal-gruppi ta' vetturi u tal-manifatturi

Filwaqt li l-mira tas-CO_2 għall-flotta kollha tal-UE tiddefinixxi l-livell ġenerali tal-ambizzjoni tal-politika, l-applikazzjoni prattika tagħha teħtieġ li tiġi kkunsidrata l-kompożizzjoni tal-flotta tal-manifatturi fejn tidħol id-distribuzzjoni tagħha fi gruppi differenti ta' vetturi. Il-konformità tal-mira se jkollha tintwera fil-livell tal-manifatturi. Fost l-alternattivi tad-distribuzzjoni kkunsidrati hemm miri separati għal kull subgrupp ta' HDV jew mira unika għal kull manifattur, ikkalkulati bħala l-medja ponderata tal-miri tas-subgruppi kollha, filwaqt li jitqies l-għadd ta' vetturi f'kull subgrupp u l-utilità tagħhom.

L-alternattiva ppreferuta hi li jkun hemm mira medja ponderata unika għal kull manifattur. Din l-alternattiva hi l-aqwa fejn jidħlu l-effiċjenza u l-proporzjonalità. Din tipprovdi l-flessibbiltà għax tippermetti l-ibbilanċjar ta' sottoprestazzjoni ta' vetturi f'ċerti subgruppi bis-superament li jiksbu ċerti subgruppi oħra ta' vetturi.

3) Inċentivi għal vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi (ZEV/LEV)

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkunsidrat erba' tipi ta' inċentivi speċifiċi għal vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi (ZEV/LEV). Dawn jinkludu is-superkrediti, sistema tal-krediti b'direzzjoni waħda u b'żewġ direzzjonijiet marbuta mal-miri, kif ukoll mandat.

Barra minn hekk, ġie vvalutat varjant, li jestendi l-inċentiv ta' ZEV/LEV billi jkopri wkoll HDV oħra bħax-xarabanks u trakkijiet iżgħar li inizjalment ma kinux soġġetti għall-miri tas-CO_2.

L-alternattiva ppreferuta hi li jiġi stabbilit inċentiv ta' ZEV/LEV bil-għamla ta' superkrediti li jkollhom salvagwardji biżżejjed biex jevitaw li jiddgħajfu l-miri tas-CO_2. Din instabet li hi l-aktar alternattiva effettiva meta wieħed iqis il-qagħda speċifika tal-iżvilupp u l-użu tat-teknoloġiji mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi fis-settur tal-HDV.

4) Elementi għal implimentazzjoni kosteffettiva

Ġew ivvalutati elementi differenti li jippermettu implimentazzjoni kosteffettiva. Dawn jinkludu (1) l-eżenzjonijiet għall-vetturi vokazzjonali, pereżempju l-vetturi tal-kostruzzjoni, trakkijiet taż-żibel, (2) l-akkomunament, (3) in-negozjar u (4) l-ibbankjar u s-self.

Minħabba l-potenzjal kosteffettiv limitat ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi vokazzjonali minħabba l-kilometraġġ u t-tagħbijiet aktar baxxi tagħhom meta mqabbla ma' HDV oħra, l-alternattiva ppreferuta hi li dawn il-vetturi jiġu eżentati mill-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2.

Fejn tidħol il-flessibbiltà, l-alternattiva ppreferuta hi li jkunu previsti l-ibbankjar u s-self ta' krediti tas-CO_2 tul snin differenti ta' konformità, inkluż is-salvagwardji meħtieġa li jiggarantixxu l-effikaċja ambjentali tal-leġiżlazzjoni. Din hi l-aktar alternattiva effiċjenti u l-inqas waħda li toħloq distorsjoni tas-suq.

5) Kwistjonijiet relatati mal-governanza

L-effettività tal-miri tas-CO_2 fit-tnaqqis tal-emissjonijiet fid-dinja reali, minn naħa tiddependi fuq ir-rappreżentanza tar-riżultati tal-għodda ta' simulazzjoni VECTO fir-rigward tas-sewqan medju fid-dinja reali, u min-naħa l-oħra tiddependi fuq kemm l-HDV mqegħdin fis-suq jikkonformaw mal-vetturi ta' referenza ttestjati għall-approvazzjoni tat-tip. L-alternattivi kkunsidrati relatati mal-emissjonijiet fid-dinja reali, is-sorveljanza tas-suq u l-penali.

L-alternattivi ppreferuti huma dawn li ġejjin:

(a) Jingħata mandat rigward il-ġbir, il-pubblikazzjoni u l-monitoraġġ tad-dejta dwar il-konsum tal-fjuwil fid-dinja reali li jirrappurtaw il-manifatturi, abbażi ta' arloġġi standardizzati obbligatorji tal-konsum tal-fjuwil.

(b) Jiddaħħlu testijiet tal-konformità waqt is-servizz u jingħata mandat għar-rappurtar ta' devjazzjonijiet, u jitħaddem mekkaniżmu ta' korrezzjoni.

(c) Jiġu applikati penali finanzjarji f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-miri tas-CO_2.

Dawn l-alternattivi se jsaħħu l-effikaċja, l-effiċjenza u l-valur miżjud tal-leġiżlazzjoni.

Referenza tas-Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt: SWD(2018)186

Referenza tal-opinjoni tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju: SEC(2018) 233

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

B'konformità mal-impenn tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-proposta tħejjiet b'mod inklużiv, abbażi tat-trasparenza u l-involviment kontinwu mal-partijiet ikkonċernati.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt analizzat ukoll il-possibbiltà li tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni u jonqsu l-ispejjeż amministrattivi mhux meħtieġa.

Għall-vetturi vokazzjonali hemm previsti eżenzjonijiet mill-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2.

Minbarra dan, il-proposta fiha diversi elementi għal implimentazzjoni kosteffettiva bħall-ibbankjar u s-self li jnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità għall-manifatturi.

L-implimentazzjoni tas-sistema ta' kreditu proposta għall-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi ma toħloqx piż amministrattiv addizzjonali għax ma teħtieġx rappurtar addizzjonali.

L-impatti, mil-lat ta' piż amministrattiv, tal-alternattivi relatati mal-governanza se jiddependu fuq il-miżuri konkreti ta' implimentazzjoni.

L-inizjattiva fiha nnifisha ma tinvolvi l-ebda spiża amministrattiva għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip. L-ispejjeż relatati maċ-ċertifikazzjoni u l-monitoraġġ u r-rappurtar tad-dejta dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 ġew ikkunsidrati fil-kuntest ta' dawk il-proposti.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt baġitarju li tħalli l-implimentazzjoni tar-Regolament propost hu limitat ħafna (ara d-dettalji fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva mehmuża).

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

The proposal builds on the Certification Il-proposta tibni fuq ir-Regolament taċ-Ċertifikazzjoni[15] u fuq ir-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rappurtar[16].

Fl-applikazzjoni ta' dan tal-aħħar, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-EEA) se tgħaqqad id-dejta tar-reġistrazzjoni mingħand l-awtoritajiet nazzjonali mad-dejta tal-monitoraġġ mingħand il-manifatturi u tippubblika d-dejta tal-monitoraġġ annwali ta' kull vettura ġdida ċċertifikata u rreġistrata fl-UE għal kull manifattur u għal kull grupp ta' vetturi.

Barra minn hekk, din il-Valutazzjoni tal-Impatt tipproponi l-alternattiva li jiġi kkumplimentat ir-Regolament propost dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tad-dejta tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-HDV b'dawn iż-żewġ miżuri addizzjonali ta' monitoraġġ.

- il-ġbir, il-pubblikazzjoni, u l-monitoraġġ tad-dejta dwar il-konsum tal-fjuwil fid-dinja reali li jirrappurtaw il-manifatturi u abbażi tal-arloġġi obbligatorji tal-konsum tal-fjuwil;
- l-introduzzjoni ta' testijiet tal-konformità waqt is-servizz u l-obbligu li jiġu rrappurtati d-devjazzjonijiet minn valuri tal-approvazzjoni tat-tip, flimkien ma' mekkaniżmu ta' korrezzjoni.

Dawn miżuri kumplimentari ta' monitoraġġ isaħħu l-proċess tal-monitoraġġ u jiżguraw l-effikaċja tal-inizjattiva leġiżlattiva proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1 – Suġġett

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi biex jinkiseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 meħtieġ bħala parti mir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi permezz ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport bit-triq. Dan jispeċifika wkoll il-miri tat-tnaqqis relattiv li trid tilħaq il-flotta tal-Unjoni tal-flotta ta' vetturi tqal ġodda tul il-perjodu 2025-2029. Jistabbilixxi mira ta' apirazzjoni għall-2030 li jenħtieġ tiġi ddeterminata abbażi ta' reviżjoni fl-2022.

Il-miri huma stabbiliti bħala tnaqqis relattiv tal-emissjonijiet speċifiċi medji tal-vetturi rreġistrati fis-sena ta' referenza 2019 li hi l-ewwel sena li għaliha se tkun disponibbli dejta uffiċjali mmonitorjata dwar l-emissjonijiet tas-CO_2. Il-miri huma attribwiti għal kull subgrupp ta' vetturi kif definit fit-Taqsima 1 tal-Anness I. Il-vetturi vokazzjonali (eż. it-trakkijiet taż-żibel u t-trakkijiet tal-kostruzzjoni) ma għandhomx l-istess potenzjal ta' tnaqqis tas-CO_2 bħall-vetturi tqal użati għall-ġarr tal-merkanzija u għalhekk huma esklużi mill-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza.

L-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza jiġu ddeterminati skont it-Taqsima 3 tal-Anness I.

---

15 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 rigward id-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal.

16 COM(2017) 0279 final

Artikolu 2 – Kamp ta' applikazzjoni

Dan l-Artikolu jiddefinixxi l-vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'referenza għall-kategoriji rilevanti definiti fil-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip u għall-erba' gruppi ta' vetturi li għalihom mill-2019 'il quddiem se jkun hemm disponibbli dejta ċċertifikata dwar l-emissjonijiet tas-CO_2. Il-vetturi tal-kategoriji M2 (xarabanks) u M3 (kowċis) u l-vetturi tal-kategorija N (trakkijiet) li ma jaqgħux fl-erba' gruppi ta' vetturi msemmija hawn fuq mhux se jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' tnaqqis tas-CO_2, iżda jenħtieġ jitqiesu għall-finijiet tal-inċentivi mogħtija lill-vetturi mingħajr emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi (ara l-Artikolu 5).

Barra minn hekk, id-dispożizzjoni tispeċifika meta l-vetturi jiġu kkunsidrati bħala rreġistrati ġodda għall-finijiet tar-Regolament.

Artikolu 3 – Definizzjonijiet

Dan l-Artikolu jistipula d-definizzjonijiet li japplikaw għall-fini ta' dan ir-Regoalment.

Artikolu 4 – Medja tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur

Skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni jenħtieġ tiddetermina u tippubblika kull sena l-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi medji ta' kull manifattur mill-2019 'il quddiem. Id-dejta użata bħala bażi għall-kalkolu tal-emissjonijiet medji hi rrapportata mill-manifatturi kkonċernati skont ir-Regolament (UE) Nru .../2018. Biex tiġi riflessa l-utilità u l-ispeċifiċità tal-vetturi, il-vetturi tqal individwali jenħtieġ jiġu attribwiti għal subgruppi differenti ta' vetturi, meta jiġu applikati ponderazzjonijiet speċifiċi għall-profili tal-missjoni (jiġifieri ix-xejriet tal-użu tal-vettura), it-tagħbijiet u l-kilometraġġ annwali. Barra minn hekk jitqies is-sehem tal-manifattur ta' vetturi f'kull subgrupp ta' vetturi. Il-vetturi vokazzjonali tal-kategoriji N2 u N3 (eż. it-trakkijiet taż-żibel u tal-kostruzzjoni) ma għandhomx l-istess potenzjal ta' tnaqqis tas-CO_2 bħall-vetturi tqal użati għall-ġarr tal-merkanzija u għalhekk jenħtieġ li ma jiġux inklużi fil-kalkolu tal-medja. Il-formuli għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji huma stabbiliti fit-Taqsima 2 tal-Anness I.

Artikolu 5 – Vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi

Sabiex jiġi inċentivat l-użu ta' vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi, dawn il-vetturi jenħtieġ jingħaddu għal ħafna drabi għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur mill-2019 'il quddiem. Il-manifatturi ta' vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi jenħtieġ jibbenefikaw minn dawn is-"superkrediti" għal kull vettura mingħajr emissjonijiet żero u b'emissjonijiet baxxi li jqiegħdu fis-suq b'fattur ta' multiplikazzjoni differenti skont l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vettura.

Hu previst ukoll inċentiv speċifiku għall-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet fil-kategoriji M2 (xarabanks) u M3 (kowċis) kif ukoll ċerti vetturi tal-kategorija N (trakkijiet żgħar), inkluż vetturi vokazzjonali mingħajr emissjonijiet. Filwaqt li dawn il-kategoriji ta' vetturi mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti ta' tnaqqis tas-CO_2 skont dan ir-Regolament, madankollu dawn jitqiesu għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi.

Il-vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi huma vetturi tqal b'emissjonijiet speċifiċi inqas minn 350 g CO_2/km, jiġifieri madwar inqas minn nofs il-medja tal-emissjonijiet tal-flotta.

Biex tinżamm l-integrità ambjentali tal-miri, jenħtieġ li t-tnaqqis tal-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifatturi permezz tal-iskema ta' inċentivi għal vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi jkun soġġett għal limitu massimu.

Il-formoli biex jiġi kkalkulat il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi huma stabbiliti fil-punt 2.3 tal-Anness I.

Artikolu 6 – Miri tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur

Dan l-Artikolu jipprevedi l-kalkolu tal-miri annwali tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifattur għas-sena kalendarja preċedenti, li tibda fl-2026. Għalhekk, l-ewwel miri annwali se jiġu ddeterminati għas-sena kalendarja 2025. Il-miri jenħtieġ iqisu l-miri tat-tnaqqis ġenerali għall-2025 u għall-2030 rispettivament, kif ukoll l-utilità u l-ispeċifiċitajiet ta' vetturi tqal differenti bl-istess mod bħalna jsir fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji. Għalhekk il-miri annwali tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur se jiġu kkalkulati bħala medja ponderata tal-miri ddeterminati għal kull subgrupp tal-vetturi.

Il-formuli għall-kalkolu tal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi huma stabbiliti fit-Taqsima 4 tal-Anness I.

Artikolu 7 – Krediti u djun tal-emissjonijiet

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-mekkaniżmu "tal-ibbankjar u s-self", li jippermetti lil manifattur jibbilanċja s-sottoprestazzjoni fil-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu f'sena partikolari bis-superament li jikseb f'sena oħra. Għal dak il-għan, il-manifattur jista' "jibbankja" l-krediti tal-emissjonijiet, jekk l-emissjonijiet tiegħu jkunu anqas minn trajettorja tat-tnaqqis ddeterminata minn trajettorja lineari mill-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza tal-2019 sal-miri tal-2025 u mill-miri tal-2025 sal-miri tal-2030. Hemm bżonn żewġ trajettorji differenti biex jitqies li x-xaqlib jista' jvarja skont il-miri eżatti ddeterminati għall-2025 u l-2030. Biex jiġi inċentivat it-tnaqqis bikri tal-emissjonijiet, il-krediti tal-emissjonijiet jistgħu jinkisbu saħansitra mill-2019 sal-2024, u bl-istess mod għall-perjodu 2025-2029. Il-krediti tal-emissjonijiet miksuba fil-perjodu 2019-2024 jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità tal-manifattur mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu fl-2025 biss. Mhu se jitħalla jsir l-ebda trasferiment ta' krediti miksuba tul il-perjodu 2019-2024. Il-krediti tal-emissjoni jistgħu jinkisbu u jintużaw ukoll għall-perjodu ta' wara bejn l-2025 u l-2029. Jekk manifattur jaqbeż il-mira tiegħu f'xi waħda mis-snin bejn l-2025 u l-2029, dan jista' jikseb ammont limitat ta' djun tal-emissjonijiet li jrid ixejjen sa mhux aktar tard mill-2029. Id-djun totali tal-emissjonijiet ma jistgħux jaqbżu l-5 % tal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifattur fl-2025, inkella jenħtieġ jiġi impost primjum għall-emissjonijiet żejda skont l-Artikolu 8.

Il-krediti u d-djun tal-emissjonijiet huma elementi definiti għall-finijiet tal-kalkoli iżda dawn jenħtieġ li ma jitqisux bħala assi trasferibbli jew soġġetti għal miżuri fiskali.

It-Taqsima 5 tal-Anness I tistipula l-formuli għall-kalkolu tat-trajettorja tat-tnaqqis tas-CO_2 u tal-krediti u d-dejn tal-emissjonijiet .

Artikolu 8 – Konformità mal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi

Meta manifattur jinstab li għandu emissjonijiet żejda, filwaqt li jitqiesu l-krediti u d-djun tal-emissjonijiet miksuba skont l-Artikolu 7, il-Kummissjoni jenħtieġ timponi penali finanzjarja fil-forma ta' primjum għall-emissjonijiet żejda. Il-livell tal-primjum hu stabbilit għal EUR 6 800 għal kull g/tkm, ekwivalenti għal EUR 570 għal kull g/km abbażi ta' tagħbija medja ta' 12-il tunnellata ta' emissjonijiet żejda, li jirriflettu l-ispiża marġinali tat-teknoloġiji li jnaqqsu s-CO_2.

It-Taqsima 6 tal-Anness I tistipula l-formoli biex jiġu kkalkulati l-emissjonijiet żejda. Il-metodi għall-ġbir tal-primjums jenħtieġ jiġu ddeterminati permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Artikolu 9 – Verifika tad-dejta ta' monitoraġġ

Dan l-Artikolu jistabbilixxi mekkaniżmu li jintroduċi proċedura għal verifiki tal-konformità waqt is-servizz taċ-ċifri tal-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi tqal, imsejsa fuq il-leġiżlazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip jenħtieġ jirrappurtaw kull devjazzjoni misjuba u l-Kummissjoni jenħtieġ tqishom waqt il-verifika tal-konformità tal-manifatturi mal-miri tagħhom. Id-dispożizzjoni tinkludi setgħa lill-Kummissjoni biex tipprovdi d-dettalji dwar din il-proċedura permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Artikolu 10 – Pubblikazzjoni tad-dejta u tal-prestazzjoni tal-manifattur

Dan l-Artikolu jelenka d-dejta li l-Kummissjoni jenħtieġ tippubblika fir-rigward tal-konformità mal-miri annwali tal-manifatturi (jiġifieri d-deċiżjoni tal-monitoraġġ annwali).

L-Artikolu jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni wkoll biex taġġusta l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza tal-2019 skont il-proċeduri definiti sew (stabbiliti fl-Artikolu 12 u l-Anness II), biex ikunu jirriflettu l-aġġustamenti fiċ-ċifri tat-tagħbija jew il-bidliet fil-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip li għandhom impatt mhux negliġibbli fuq l-emissjonijiet tas-CO_2 iddeterminati għal vettura tqila. L-aġġustament se jaffettwa l-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifatturi, mis-sena ta' wara l-adozzjoni tiegħu.

Artikolu 11 – Emissjonijiet tas-CO_2 u konsum tal-enerġija fid-dinja reali

Dan l-Artikolu jagħti setgħa lill-Kummissjoni biex timmonitorja u tivvaluta r-rappreżentanza fid-dinja reali tal-valuri tal-emissjonijiet tas-CO_2 simulata bl-għodda VECTO, b'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ ikollha s-setgħa li titlob li tinġabar dejta mid-dinja reali u tiġi rrappurtata mill-Istati Membri u l-manifatturi. Dan l-approċċ jimxi skont dak propost għall-vetturi ħfief u bħala l-ewwel pass jeżiġi l-introduzzjoni ta' arloġġi standardizzati obbligatorji tal-konsum tal-fjuwil abbord il-vetturi tqal.

Artikolu 12 – Aġġustamenti fl-Annessi I u II

Il-progress tekniku u l-bidliet fil-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip jistgħu jaffettwaw il-livell taċ-ċifri uffiċjali tal-emissjonijiet tas-CO_2 iddeterminati għall-vetturi tqal li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Biex jikkunsidra dawn il-bidliet, dan l-Artikolu jipprovdi setgħa lill-Kummissjoni biex taġġusta ċerti parametri tekniċi stabbiliti fl-Annessi I u II, inkluż l-adozzjoni ta' metodoloġija għad-determinazzjoni ta' vettura rappreżentattiva għal kull subgrupp tal-vetturi, li skontha jiġu vvalutati dawk il-bidliet. L-aġġustamenti proposti jimxu mal-passi definiti b'mod ċar stipulati fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness II.

Artikolu 13 – Reviżjoni u Rappurtar

Dan l-Artikolu jeżiġi li l-Kummissjoni tipprovdi rapport dwar l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, li jrid jitressaq fl-2022. Ir-rapport jenħtieġ jindirizza l-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030, kif ukoll l-istabbiliment ta' miri tat-tnaqqis għal vetturi tqal oħrajn li għadhom mhumiex soġġetti għal rekwiżiti tat-tnaqqis. Ir-rapport jenħtieġ ikopri wkoll l-effikaċja tal-modalitajiet, jiġifieri s-sistema tal-inċentivi tal-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi u l-mekkanżimu "tal-ibbankjar u s-self", u jikkunsidra l-ħtieġa li dawk il-modalitajiet jissoktaw wara l-2030. Meta jkun xieraq, ir-rapport jenħtieġ ikun akkumpanjat minn proposta għall-emenda tar-Regolament.

Artikoli 14 u 15 – Komitoloġija u delega tas-setgħat

Dawn huma dispożizzjonijiet standard dwar il-komitoloġija u d-delega tas-setgħat.

Artikolu 16 – Emenda għar-Regolament (KE) Nru 595/2009

Din l-emenda għandha l-għan li tintroduċi bażi ġuridika fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 (ir-Regolament dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-emissjonijiet Euro 6) biex il-Kummissjoni

tistabbilixxi proċedura għall-verifika tal-konformità waqt is-servizz tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal. Din il-proċedura hi essenzjali biex issir sorveljanza effettiva tas-suq lis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip u liċ-ċifri tal-emissjonijiet tas-CO_2 li jintużaw għall-finijiet ta' konformità mal-miri.

Anness I

L-Anness I jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u l-formoli għall-elementi li ġejjin:

- L-attribuzzjoni għal subgrupp tal-vetturi
- Kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur
- Il-kalkolu tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza
- Il-kalkolu tal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għal manifattur
- Il-kalkolu tat-trajettorja tat-tnaqqis tas-CO_2 u l-kreditu u d-djun tal-emissjonijiet
- Determinazzjoni ta' emissjonijiet żejda tal-manifattur

Anness II

L-Anness II jistipula l-proċeduri għall-aġġustament tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza, jiġifieri l-fatturi ta' aġġustament tat-tagħbija fit-Taqsima 1) u l-metodoloġija biex jitqiesu l-bidliet fil-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip (it-Taqsima 2).

2018/0143 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[17],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[18],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) L-Istrateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi tistabbilixxi ambizzjoni ċara: sa nofs is-seklu, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport jeħtieġ ikunu mill-anqas 60 % inqas milli kienu fl-1990 u jkunu qed joqorbu lejn iż-żero. Anki l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa tal-arja mit-trasport li jagħmlu ħsara lil saħħitna jeħtieġ jonqsu drastikament mingħajr dewmien.

(2) Wara l-Istrateġija għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi, il-Kummissjoni adottat żewġ pakketti tal-mobbiltà f'Mejju[19]u Novembru 2017[20]. Dawn il-pakketti jistabbilixxu aġenda pożittiva li twettaq l-Istrateġija għal Mobilità b'Emissjonijiet Baxxi u tiżgura tranżizzjoni bla xkiel lejn mobbiltà nadifa, kompetittiva u konnessa għal kulħadd.

(3) Dan ir-Regolament huwa parti tat-tielet Pakkett "L-Ewropa Attiva" li jwettaq l-istrateġija l-ġdida tal-politika industrijali ta' Settembru 2017[21], u tfassal biex ilesti l-proċess ħalli l-Unjoni tkun tista' taħsad il-benefiċċji kollha tal-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà. Il-Pakkett għandu l-għan li jagħmel il-mobbiltà Ewropea aktar sikura u aktar aċċessibbli, l-industrija Ewropea aktar kompetittiva, l-impjiegi Ewropej aktar siguri, u s-sistema tal-mobbiltà aktar nadifa u adattati aħjar għall-isforzi li jitħabtu kontra t-tibdil fil-klima. Dan se jkun jeħtieġ l-impenn sħiħ tal-

[17] ĠU C , , p. .

[18] ĠU C , , p. .

[19] L-Ewropa Attiva: Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobilità nadifa, kompetittiva u konnessa għal kulħadd, COM(2017) 283 final

[20] It-twettiq ta' mobilità b'emissjonijiet baxxi – Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u l-ħaddiema tagħha, COM(2017) 675 final

[21] Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli – Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE, COM(2017) 0479 final

Unjoni, tal-Istati Membri u tal-partijiet konċernati, l-aktar biex jissaħħu l-isforzi li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 u t-tniġġis tal-arja.

(4) Minbarra l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-karozzi tal-passiġġieri u għall-vetturi kummerċjali ħfief[22], dan ir-Regolament jipprovdi perkors ċar għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO_2 mis-settur tat-trasport bit-triq u jikkontribwixxi għall-mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mal-ekonomija kollha sal-2030 meta mqabbel mal-1990, kif kien approvat fil-Konklużjonijiet tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, u kif kien approvat bħala l-Kontribut Maħsub tal-Unjoni Ddeterminat fil-Livell Nazzjonali skont il-Ftehim ta' Pariġi waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ambjent fis-6 ta' Marzu 2015.

(5) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 approvaw tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' 30 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005 għas-setturi li mhumiex parti mill-Iskema tal-Unjoni għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet. It-trasport bit-triq hu kontribut ewlieni għall-emissjonijiet ta' dawk is-setturi u l-emissjonijiet tiegħu jibqgħu ferm ogħla mil-livelli tal-1990. Jekk l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq jibqgħu jiżdiedu, dan se jisboq it-tnaqqis li jagħmlu setturi oħra kontra t-tibdil fil-klima.

(6) Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2014 enfasizzaw l-importanza li jonqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u r-riskji relatati mad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fis-settur tat-trasport permezz ta' approċċ komprensiv u teknoloġikament newtrali għall-promozzjoni tat-tnaqqis fl-emissjonijiet u tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fit-trasport, għal trasportazzjoni elettrika u għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport ukoll wara l-2020.

(7) L-effiċjenza enerġetika li tikkontribwixxi għall-moderazzjoni tad-domanda hi waħda mill-ħames dimensjonijiet interrelatati mill-qrib u li jsaħħu lill-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija adottata fil-25 ta' Frar 2015, biex il-konsumaturi fl-Unjoni jiksbu enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u affordabbli. Skont l-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, filwaqt li s-setturi ekonomiċi kollha jenħtieġ jagħtu sehemhom biex tiżdied l-effiċjenza tal-konsum tal-enerġija tagħhom, it-trasport għandu potenzjal kbir fl-effiċjenza enerġetika.

(8) L-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal, inkluż it-trakkijiet, ix-xarabanks u l-kowċis, jirrappreżentaw madwar 6 % tal-emissjonijiet tas-CO_2 totali fl-Unjoni u madwar 25 % tal-emissjonijiet tas-CO_2 totali tat-trasport bit-triq. Jekk ma titteħidx azzjoni ulterjuri, is-sehem tal-emissjonijiet mill-vetturi tqal hu mistenni jiżdied b'madwar 9 % bejn l-2010 u l-2030. Bħalissa, id-dritt tal-Unjoni ma jistabbilixxi l-ebda rekwiżit ta' tnaqqis tas-CO_2 għall-vetturi tqal.

(9) Sabiex tinħataf bis-sħiħ il-potenzjal tal-effiċjenza enerġerika u jkun żgurat li s-settur tat-trasport bit-triq kollu kemm hu jikkontribwixxi għat-tnaqqis miftiehem fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, jixraq li l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 diġà eżistenti għall-karozzi tal-passiġġieri ġodda u għall-vetturi kummerċjali ħfief ġodda jiġu kkumplimentati billi jiġu stabbiliti standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda. Dawn l-istandards jixprunaw l-innovazzjoni f'teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, u jikkontribwixxu biex tissaħħaħ it-tmexxija teknoloġika tal-fornituri u tal-manifatturi tal-Unjoni.

[22] Ir-Regolament (UE) Nru …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi ħfief u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 (riformulazzjoni), (ĠU L, …, …, p.).

(10) Filwaqt li jitqiesu li t-tibdil fil-klima hu problema transfruntiera u l-ħtieġa li jitħares suq uniku li jiffunzjona sew għas-servizzi tat-trasport bit-triq u anki għall-vetturi tqal, jixraq li jiġu stabbiliti standards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn l-istandards jitfasslu b'mod li jkun mingħajr preġudizzju għal-liġi dwar il-kompetizzjoni.

(11) Meta jkunu qed jiġu ddefiniti l-livelli tat-tnaqqis li jenħtieġ tilħaq il-flotta tal-vetturi tqal tal-Unjoni, jenħtieġ jitqiesu l-effikaċja ta' dawk il-livelli tat-tnaqqis fejn jidħol il-kontribut kosteffettiv li jagħtu biex jonqsu l-emissjonijiet mis-setturi koperti bir-Regolament dwar [il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (UE) Nru .../2018] sal-2030, l-ispejjeż u l-iffrankar li jkollhom is-soċjetà, il-manifatturi, l-operaturi tat-trasport, u l-konsumaturi, kif ukoll l-implikazzjonijiet diretti u indiretti tagħhom fuq l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kobenefiċċji ġġenerati mil-lat ta' tnaqqis fit-tniġġis tal-arja u sigurtà aħjar tal-enerġija.

(12) Iddaħħlet proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil ta' vetturi tqal individwali, bħala parti mill-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 595/2009[23]. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400[24] jipprovdi metodoloġija, abbażi tal-għodda VECTO, li permezz tagħha jistgħu jiġu simulati l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil ta' vetturi tqal sħaħ. Il-metodoloġija tippermetti li jitqiesu d-diversità tas-settur tal-vetturi tqal u l-grad għoli ta' personalizzazzjoni tal-vetturi individwali. Bħala l-ewwel pass, mill-1 ta' Jannar 2019, l-emissjonijiet tas-CO_2 jiġu ddeterminati għal erba' gruppi ta' vetturi tqal li jammontaw għal madwar 65 % sa 70 % tal-emissjonijiet kollha tas-CO_2 għall-flotta tal-vetturi tqal tal-UE.

(13) Fid-dawl tal-innovazzjoni u biex titqies l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda li jtejbu l-effiċjenza tal-fjuwil tal-vetturi tqal, l-għodda tas-simulazzjoni VECTO u r-Regolament (UE) 2017/2400 se jiġu aġġornati kontinwament u fil-ħin.

(14) Id-dejta dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 iddeterminata skont ir-Regolament (UE) 2017/2400 trid tiġi monitorjata skont ir-Regolament (UE) Nru .../2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[25]. Jenħtieġ li dik id-dejta tifforma l-bażi biex jiġu ddeterminati l-miri tat-tnaqqis li jridu jilħqu l-erba' gruppi ta' vetturi tqal li jiġġeneraw l-iżjed emissjonijiet fl-Unjoni, u biex jiġu ddeterminati wkoll l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur f'sena kalendarja partikolari.

(15) Jenħtieġ li tiġi stabbilita mira tat-tnaqqis għall-2025 bħala tnaqqis relattiv ibbażat fuq l-emissjonijiet tas-CO_2 medji ta' dawk il-vetturi tqal fl-2019, li tkun tirrifletti l-użu ta' teknoloġiji kosteffettivi disponibbli faċilment għall-vetturi konvenzjonali. Il-mira tal-2030 jenħtieġ titqies bħala aspirazzjoni u l-mira finali jenħtieġ tiġi ddeterminata

[23] Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE

[24] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil tal-vetturi tqal u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011 (ĠU L 349, 29.12.2017, p. 1).

[25] Ir-Regolament (UE) Nru …/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tas-CO_2 minn vetturi heavy-duty ġodda u l-konsum tal-fjuwil tagħhom (ĠU L, …, …, p.).

skont reviżjoni li trid issir fl-2022 għax hemm aktar inċertezzi dwar l-użu ta' teknoloġiji aktar avvanzati li għadhom mhumiex disponibbli.

(16) Il-gass naturali likwifikat (LNG) hu fjuwil disponibbli għad-diżil għall-vetturi tqal. L-użu ta' teknoloġiji attwali u futuri aktar innovattivi u bbażati fuq l-LNG se jgħin biex jintlaħqu l-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 fit-terminu qasir u medju għax l-użu tat-teknoloġiji tal-gass naturali likwifikat (LNG) iwassal għal inqas emissjonijiet tas-CO_2 meta mqabbel mal-vetturi li jaħdmu bid-diżil. Il-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi bl-LNG diġà hu rifless għalkollox fil-VECTO. Minbarra dan, it-teknoloġiji attwali tal-LNG jiżguraw livell baxx ta' emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tal-arja bħall-NOx u l-materja partikulata. Fis-seħħ teżisti infrastruttura minima biżżejjed għar-riforniment u qed tintuża iżjed bħala parti minn oqfsa ta' politika nazzjonali għal infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.

(17) Fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' referenza tal-2019 li jservi bħala bażi biex jiġu stabbiliti l-miri tat-tnaqqis għall-2025 u għall-2030, jenħtieġ jitqies il-potenzjal tat-tnaqqis mistenni fil-flotta tal-vetturi tqal f'dak il-perijodu. Għaldaqstant jixraq li l-vokazzjonali vetturi jiġu esklużi minn dak il-kalkolu, fosthom il-vetturi użati għall-ġbir tal-iskart jew għall-kostruzzjoni. Dawk il-vetturi għandhom kilometraġġ relattivament baxx u, minħabba x-xejriet tas-sewqan speċifiċi tagħhom, ma jidhirx li miżuri tekniċi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-konsum tal-fjuwil huma kosteffettivi bħalma huma għall-vetturi tqal użati għall-ġarr tal-merkanzija.

(18) Jenħtieġ li r-rekwiżiti tat-tnaqqis tas-CO_2 jiġu espressi fi grammi ta' CO_2 għal kull tunnellata/kilometru biex jirriflettu l-utilità tal-vetturi tqal.

(19) Jeħtieġ tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tar-rekwiżiti tat-tnaqqis ġenerali fost il-manifatturi, filwaqt li titqies id-diversità tal-vetturi tqal fejn jidħlu d-disinn tagħhom u x-xejriet tas-sewqan, il-kilometraġġ annwali, it-tagħbija u l-konfigurazzjoni tat-trejler. Għalhekk jixraq li ssir distinzjoni bejn il-vetturi tqal skont subgruppi differenti u separati ta' vetturi li jirriflettu x-xejra tipika tal-użu tal-vetturi u karatteristiċi tekniċi speċifiċi. Bl-istabbiliment ta' miri speċifiċi annwali għall-manifatturi bħala medja ponderata tal-miri ddefiniti għal kull subgrupp bħal dan, il-manifatturi jkunu qed jingħataw il-mezzi biex jibbilanċjaw b'mod effettiv xi sottoprestazzjoni possibbli ta' vetturi f'ċerti subgruppi bis-superament f'subgruppi oħra ta' vetturi, filwaqt li jkunu qed jitqiesu l-emissjonijiet tas-CO_2 medji tul il-ħajja tal-vetturi f'subgruppi differenti.

(20) Jenħtieġ tiġi vvalutata l-konformità tal-manifattur mal-miri speċifiċi annwali tiegħu abbażi tal-emissjonijiet tas-CO_2 medji tiegħu. Jenħtieġ li għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet speċifiċi medji jitqiesu wkoll l-ispeċifiċitajiet li huma riflessi fil-miri tas-subgruppi differenti tal-vetturi. Minħabba f'hekk, jenħtieġ li l-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi medji ta' manifattur jiġu bbażati fuq l-emissjonijiet medji ddeterminati għal kull subgrupp, inkluż ponderazzjoni bbażata fuq il-kilometraġġ annwali medja preżunta u t-tagħbija medja tagħhom, li tirrifletti l-emissjonijiet tas-CO_2 totali tul il-ħajja. Minħabba l-potenzjal tat-tnaqqis limitat tal-vetturi professjonali, jenħtieġ li dawn il-vetturi ma jitqisux għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji.

(21) Kuntrarjament għall-karozzi u l-vannijiet, il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi għadhom mhumiex disponibbli fis-suq, għajr ix-xarabanks. Għalhekk jenħtieġ jiddaħħal mekkaniżmu apposta, fil-forma ta' superkrediti, biex teħfief it-tranżizzjoni bla xkiel lejn mobbiltà mingħajr emissjonijiet. Dan jipprovdi inċentivi għall-iżvilupp u l-użu ta' vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi fis-suq tal-Unjoni li jikkumplimentaw l-istrumenti tan-naħa

tad-domanda, bħad-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[26] dwar Vetturi Nodfa.

(22) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur, kull vettura tqila mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi jenħtieġ tingħadd għal ħafna drabi. Jenħtieġ li l-livell tal-inċentivi jvarja skont l-emissjonijiet tas-CO_2 attwali tal-vettura. Biex jiġi evitat li jiddgħajfu l-għanijiet ambjentali, l-iffrankar li jirriżulta jenħtieġ ikun soġġett għal limitu massimu.

(23) Jenħtieġ li l-vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi jiġu inċentivati biss jekk l-emissjonijiet tas-CO_2 tagħhom ikunu inqas minn madwar nofs l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' medja tal-flotta kollha tal-Unjoni fl-2025. Dan hu konsistenti mal-approċċ meħud għall-vetturi ħfief u jinċentiva l-innovazzjoni f'dan il-qasam

(24) Meta jkun qed jitfassal il-mekkaniżmu tal-inċentivi għall-użu tal-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet, dan jenħtieġ jinkludi wkoll it-trakkijiet iżgħar, ix-xarabanks u l-kowċis li mhumiex soġġetti għall-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2. Dawn il-vetturi għandhom benefiċċji sinifikanti wkoll meta jgħinu biex jingħelbu l-problemi tat-tniġġis tal-arja fil-bliet. Iżda jenħtieġ jiġi nnutat li x-xarabanks mingħajr emissjonijiet diġà jinsabu fis-suq u jiġu inċentivati b'miżuri tan-naħa tad-domanda bħall-akkwist pubbliku. Biex ikun żgurat li l-inċentivi huma bbilanċjati sew bejn tipi differenti ta' vetturi, jenħtieġ li l-iffrankar li jirriżulta mit-trakkijiet iżgħar, ix-xarabanks u l-kowċis mingħajr emissjonijiet ikun soġġett ukoll għal limitu massimu.

(25) Biex tiġi promossa implimentazzjoni kosteffettiva tar-rekwiżiti tat-tnaqqis tas-CO_2, filwaqt li jitqiesu l-varjazzjonijiet fil-kompożizzjoni tal-flotta u l-emissjonijiet tul is-snin, il-manifatturi jenħtieġ ikunu jistgħu jibbilanċjaw is-superament tagħhom fil-konformità mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tagħhom f'sena b'sottoprestazzjoni f'xi sena oħra.

(26) Biex jiġi inċentivat it-tnaqqis bikri, jenħtieġ li l-manifatturi b'emissjonijiet speċifiċi medji inqas mit-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet definiti mill-emissjonijiet ta' referenza fl-2019 u l-mira tal-2025, ikunu jistgħu jibbankjaw dawk il-krediti tal-emissjonijiet għall-finijiet tal-konformità mal-mira fl-2025. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-manifatturi b'emissjonijiet speċifiċi medji inqas mit-trajettorja tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-miri tal-perjodu 2025-2030, ikunu jistgħu jibbankjaw dawk il-krediti tal-emissjonijiet għall-finijiet tal-konformità mal-miri fil-perjodu 2025-2029.

(27) Jekk ikollhom nuqqas ta' konformità mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tagħhom f'xi waħda mis-snin bejn l-2025 u l-2029, jenħtieġ li l-manifatturi jkunu jistgħu jiksbu wkoll dejn limitat tal-emissjonijiet. Iżda sal-2029, il-manifatturi jenħtieġ ixejnu kull dejn tal-emissjonjiet li jkun fadal.

(28) Il-krediti u d-djun tal-emissjonijiet jenħtieġ jitqiesu biss għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità ta' manifattur mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu u mhux bħala assi li huma trasferibbli jew soġġetti għal miżuri fiskali.

(29) Il-Kummissjoni jenħtieġ timponi penali finanzjarja, fil-forma ta' primjum għall-emissjonijiet żejda, meta manifattur jinstab li għandu emissjonijiet żejda, filwaqt li jitqiesu l-krediti u d-djun tal-emissjonijiet. Biex il-manifatturi jingħataw inċentiv biżżejjed ħalli jieħdu miżuri biex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi mill-vetturi tqal, il-primjum jenħtieġ ikun ogħla mill-ispejjeż marġinali medja tat-teknoloġiji

[26] Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif emendata bid-Direttiva …/…/UE [COM(2017) 653 final] (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).

meħtieġa biex jintlaħqu l-miri. Jenħtieġ li l-primjum jitqies bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni. Il-metodoloġija għall-ġbir tal-primjums jenħtieġ tiġi ddeterminata permezz ta' att ta' implimentazzjoni, filwaqt li titqies il-metodoloġija adottata skont ir-Regolament (KE) Nru 443/2009.

(30) Hemm bżonn mekkaniżmu robust tal-konformità ħalli jkun żgurat li jintlaħqu l-miri skont dan ir-Regolament. L-obbligi imposti fuq il-manifatturi biex jipprovdu dejta preċiża skont ir-Regolament (UE) Nru .../2018 [dwar il-Monitoraġġ u r-Rappurtar tal-HDV] u l-multi amministrattivi li jistgħu jiġu imposti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dak l-obbligu, jikkontribwixxu biex jiżguraw is-sodezza tad-dejta użata għall-finijiet tal-konformità mal-miri skont dan ir-Regolament.

(31) Biex jinkiseb it-tnaqqis tas-CO_2 skont dan ir-Regolament, hu essenzjali li l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal użati jkunu konformi maċ-ċifri ddeterminati skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu. Għaldaqstant, jenħtieġ ikun possibbli li fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur, il-Kummissjoni tqis kwalunkwe nuqqas ta' konformità sistematika misjub mill-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi tqal użati.

(32) Biex tkun f'pożizzjoni li tieħu miżuri bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ ikollha s-setgħat biex tħejji u timplimenta proċedura għall-verifika tal-konformità waqt is-servizz tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi tqal fis-suq Għal dan il-għan jenħtieġ jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 595/2009.

(33) L-effikaċja tal-miri stipulati f'dan ir-Regolament biex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 hi ferm dipendenti fuq ir-rappreżentanza tal-metodoloġija użata biex jiġu ddeterminati l-emissjonijiet tas-CO_2. Konformi mar-Rakkomandazzjonijiet tal-Mekkaniżmi għall-Parir Xjentifiku (SAM)[27] b'rabta mal-vetturi ħfief, jixraq ukoll fil-każ tal-vetturi tqal li jiddaħħal fis-seħħ mekkaniżmu li jivvaluta r-rappreżentanza fid-dinja reali taċ-ċifri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-enerġija ddeterminati skont ir-Regolament (UE) 2017/2400. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħat biex tiżgura d-disponibbiltà pubblika ta' dik id-dejta u, meta meħtieġ, jiġu żviluppati l-proċeduri meħtieġa għall-identifikazzjoni u l-ġbir tad-dejta meħtieġa għal dawn il-valutazzjonijiet.

(34) Fl-2022, il-Kummissjoni jenħtieġ tivvaluta l-effikaċja tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 stabbiliti f'dan ir-Regolament u b'mod partikolari l-livell ta' tnaqqis li jrid jintlaħaq sal-2030, il-modalitajiet li jenħtieġ ikunu disponibbli biex tintlaħaq dik il-mira u lil hinn, kif ukoll l-iffissar ta' miri tat-tnaqqis tas-CO_2 għal tipi oħra ta' vetturi tqal bħat-trakkijiet iżgħar, ix-xarabanks, il-kowċis u t-trejlers. Din il-valutazzjoni jenħtieġ tinkludi wkoll, strettament għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, kunsiderazzjonijiet ta' vetturi tqal u kombinazzjonijiet ta' vetturi lil hinn mill-piżijiet u d-dimensjonijiet standard applikabbli għat-trasport nazzjonali, pereżempju Kunċetti Modulari.

(35) Biex ikun żgurat li l-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi tal-vetturi tqal jibqgħu rappreżentattivi u aġġornati għalkollox, l-emendi fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tiegħu li jaffettwaw dawk iċ-ċifri jeħtieġ jiġu riflessi f'dan ir-Regolament. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ jkollha s-setgħat biex tiddetermina metodoloġija għad-definizzjoni ta' vettura tqila

[27] Opinjoni tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Konsulenti Xjentifiċi Nru 1/2016 "Closing the gap between light-duty vehicle real-world CO_2 emissions and laboratory testing"

rappreżentattiva għal kull subgrupp tal-vetturi, li skontha jenħtieġ jiġu vvalutati l-bidliet fl-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi.

(36) Is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-Artikoli 8(3), 9(3), 11(3) u 12(2), jenħtieġ jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[28].

(37) Biex jiġu emendati jew issupplimentati l-elementi mhux essenzjali tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aġġustament tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza skont l-Artikolu 12(2) u, għall-emendar tal-Annessi I u II fir-rigward ta' ċerti parametri tekniċi, inkluż il-ponderazzjonijiet tal-profili tal-missjoni, it-tagħbija, u l-kilometraġġi annwali kif ukoll il-fatturi tal-aġġustament tat-tagħbija. Hu importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[29]. B'mod partikolari, biex jiżguraw parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin bħalma jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u jenħtieġ li sistematikament l-esperti tagħhom ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jieħdu ħsieb it-tħejjija tal-atti delegati.

(38) L-għanijiet ta' dan ir-Regolament, notevolment it-twaqqif ta' standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal ġodda, ma jistax jintlaħqu mill-Istati Membri, u għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1
Suġġett u għanijiet

Sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-mira tal-Unjoni li tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħha bi 30 % inqas mil-livelli tal-2005 sal-2030 fis-setturi koperti bl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 2018/... [ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi], u biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u biex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, dan ir-Regolament jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda, fejn l-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi tal-flotta tal-Unjoni ta' vetturi tqal ġodda għandhom jitnaqqsu, meta mqabbel mal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza, kif ġej:

(a) Mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2029 bi 15 %;

---

[28] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L, 55, 28.2.2011, p. 13).

[29] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

(b) Mill-1 ta' Jannar 2030 'il quddiem b'mill-inqas 30 %, soġġetta għal reviżjoni skont l-Artikolu 13.

L-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza għandhom ikunu bbażati fuq id-dejta tal-monitoraġġ tal-2019 irrappurtata skont ir-Regolament (UE) Nru.../2018 [dwar il-Monitoraġġ u r-Rappurtar tal-HDV], għajr il-vetturi vokazzjonali, u għandhom jiġu kkalkulati skont il-punt 3 tal-Anness I.

Artikolu 2
Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi ġodda tal-kategoriji N2 u N3 li jissodisfaw il-karatteristiċi li ġejjin:

   (a) trakkijiet riġidi b'konfigurazzjoni tal-fus 4x2 u massa tat-tagħbija massima teknikament possibbli iżjed minn 16-il tunnellata;

   (b) trakkijiet riġidi b'konfigurazzjoni tal-fus 6x2;

   (c) tratturi b'konfigurazzjoni tal-fus 4x2 u massa tat-tagħbija massima teknikament possibbli iżjed minn 16-il tunnellata;

   (d) tratturi b'konfigurazzjoni tal-fus 6x2.

   Dan għand japplika wkoll, għall-finijiet tal-Artikolu 5 u tal-punt 2.3 tal-Anness I, għall-vetturi tal-kategoriji M2 u M3, u għall-vetturi tal-kategorija N li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 510/2011 u li ma jissodisfawx il-karatteristiċi stabbiliti fil-punti (a) sa (d).

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-vetturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu bħala vetturi tqal f'sena kalendarja partikolari, jekk dawn ikunu rreġistrati fl-Unjoni għall-ewwel darba f'dik is-sena u ma kienu ġew qatt irreġistrati qabel barra mill-Unjoni.

   Reġistrazzjoni preċedenti barra mill-Unjoni li tkun saret f'inqas minn tliet xhur qabel ir-reġistrazzjoni fl-Unjoni ma għandhiex tiġi kkunsidrata.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

(a) "emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza" tfisser il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi fl-2019 tal-vetturi tqal ġodda kollha f'kull wieħed mis-subgruppi tal-vetturi, għajr il-vetturi vokazzjonali, iddeterminata skont il-punt 3 tal-Anness I;

(b) "emissjonijiet speċifiċi" tfisser l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' vettura tqila individwali ddeterminati skont il-punt 2.1 tal-Anness I;

(c) "emissjonijiet speċifiċi medji" tfisser il-medja tal-emissjonijiet speċifiċi tal-vetturi tqal ġodda ta' manifattur f'sena kalendarja partikolari ddeterminata skont il-punt 2.7 tal-Anness I;

(d) "mira ta' emissjonijiet speċifiċi" tfisser il-mira ta' manifattur individwali, espressa fi g/tkm u ddeterminata kull sena għas-sena kalendarja preċedenti skont il-punt 4 tal-Anness I;

(e) "trakk riġidu" tfisser trakk li mhux imfassal jew mibni biex jirmonka semitrejler;

(f) “trattur” tfisser unità ta’ trattur mfassla u mibnija esklussivament jew primarjament biex tirmonka semitrejlers;

(g) “subgrupp tal-vetturi” tfisser grupp ta’ vetturi kif iddefinit fil-Punt 1 tal-Anness I, li huma kkaratterizzati minn sett komuni u distintiv ta’ kriterji tekniċi rilevanti għad-determinazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil ta’ dawn il-vetturi;

(h) “vettura vokazzjonali” tfisser vettura tqila li mhix maħsuba għat-twassil tal-merkanzija u li għaliha ġew iddeterminati l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil, skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta’ implimentazzjoni tiegħu, biss għal profili oħra tal-missjoni għajr dawk definiti fil-punt 2.1 tal-Anness I ta’ dan ir-Regolament;

(i) “manifattur” tfisser il-persuna jew il-korp responsabbli għas-sottomissjoni tad-dejta relatata mal-vetturi tqal ġodda skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru .../2018 jew, fil-każ ta’ vetturi tqal mingħajr emissjonijiet, il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità tal-approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip tal-KE għall-vetturi sħaħ jew tal-approvazzjoni individwali skont id-Direttiva 2007/46/KE u biex tiġi żgurata l-konformità tal-produzzjoni;

(j) “vettura tqila mingħajr emissjonijiet” tfisser vettura tqila mingħajr magna tal-kombustjoni interna, jew b’magna tal-kombustjoni interna li tirrilaxxa anqas minn 1 g CO_2/kWh kif iddeterminat skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta’ implimentazzjoni tiegħu, jew li tirrilaxxa anqas minn 1 g CO_2/km kif iddeterminat skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u l-miżuri ta’ implimentazzjoni tiegħu;

(k) “vettura tqila b’emissjonijiet baxxi” tfisser vettura tqila li mhix vettura tqila mingħajr emissjonijiet, b’emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi ta’ inqas minn 350 g CO_2/km, kif iddeterminat skont il-punt 2.1 tal-Anness I;

(l) “profil tal-missjoni” tfisser kombinazzjoni ta’ ċiklu tal-veloċità mmirata, ċifra tat-tagħbija, konfigurazzjoni tal-karozzerija jew tat-trejler, u parametri oħra, jekk applikabbli, li jirrifletti l-użu speċifiku ta’ vettura, li abbażi tagħhom ġew iddeterminati l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil uffiċjali ta’ vettura tqila;

(m) “ċiklu tal-veloċità mmirata” tfisser id-deskrizzjoni tal-veloċità tal-vettura li s-sewwieq irid jilħaq jew li hu limitat biha minħabba l-kundizzjonijiet tat-traffiku, bħala funzjoni tad-distanza koperta bi vjaġġ;

(n) “tagħbija” tfisser il-piż tal-merkanzija jew tal-persuni li vettura qed iġorr skont kundizzjonijiet differenti.

Artikolu 4

L-emissjonijiet speċifiċi medji ta’ manifattur

Mill-2020 u kull sena kalendarja sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz tal-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), għal kull manifattur, l-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi medji fi g/tkm għas-sena kalendarja preċedenti, billi jitqies dan li ġej:

(a) (a) id-dejta rrapportata skont ir-Regolament (UE) Nru.../2018 [dwar il-Monitoraġġ u r-Rappurtar tal-HDV] għall-vetturi tqal ġodda tal-manifattur irreġistrati fis-sena rilevanti, għajr il-vetturi vokazzjonali;

(b) il-fattur ta’ mingħajr emissjonijiet u ta’ emissjonijiet baxxi ddeterminat skont l-Artikolu 5.

L-emissjonijiet speċifiċi medji għandhom jiġu kkalkulati b'konformità mal-punt 2.7 tal-Anness I.

Artikolu 5
Il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi

1. Mill-2020 u kull sena kalendarja sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), għal kull manifattur, il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi msemmija fl-Artikolu 4(b) għas-sena kalendarja preċedenti.

Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi għandu jqis l-għadd u l-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi fil-flotta tal-manifattur f'sena kalendarja, inkluż il-vetturi mingħajr emissjonijiet tal-kategoriji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), kif ukoll il-vetturi vokazzjonali mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi.

Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi għandu jiġi kkalkulat skont il-punt 2.3 tal-Anness I.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi għandhom jitqiesu kif ġej:

(a) il-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet għandhom jingħaddu bħala żewġ (2) vetturi;

(b) il-vetturi tqal b'emissjonijiet baxxi għandhom jingħadd sa massimu ta' żewġ (2) vetturi skont funzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi tagħhom u l-livell limitu tal-emissjonijiet ta' 350 g CO_2/km.

3. Il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi għandu jnaqqas l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur b'massimu ta' 3 %. Il-kontribut tal-vetturi tqal mingħajr emissjonijiet fil-kategoriji msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) għal dak il-fattur għandu jnaqqas l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur b'massimu ta' 1,5 %.

Artikolu 6
Il-miri tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur

Mill-2026 u kull sena kalendarja sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tiddetermina, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1), għal kull manifattur, mira tal-emissjonijiet speċifiċi fis-sena kalendarja preċedenti. Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għandha tkun is-somma tal-multiplikazzjonijiet ta' dawn iċ-ċifri, għas-subgruppi kollha tal-vetturi:

(a) il-mira tat-tnaqqis tas-CO_2 imsemmija fl-Artikolu 1(a) jew (b), kif applikabbli;

(b) l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza;

(c) is-sehem tal-vetturi li għandu l-manifattur f'kull subgrupp;

(d) Il-fatturi tal-kilometraġġ annwali u tal-ponderazzjoni tat-tagħbija applikati għal kull subgrupp.

Il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi għandha tiġi kkalkulata skont il-punt 4 tal-Anness I.

Artikolu 7
Il-krediti u d-djun tal-emissjonijiet

1. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità ta' manifattur mal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu fil-perjodu 2025-2029, għandhom jitqiesu l-krediti tal-emissjonijiet jew id-djun tal-emissjonijiet tiegħu, li jikkorrispondu għall-għadd ta' vetturi tqal ġodda, għajr il-vetturi vokazzjonali, tal-manifattur f'sena kalendarja, immultiplikati bid-differenza bejn:

(a) It-trajettorja tat-tnaqqis tas-CO_2 imsemmija fil-paragrafu 2 u l-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur, jekk id-differenza tkun pożittiva ("il-krediti tal-emissjonijiet");

(b) l-emissjonijiet speċifiċi medji u l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi ta' manifattur, jekk dik id-differenza tkun pożittiva (id-djun tal-emissjonijiet").

Il-krediti tal-emissjonijiet għandhom jinkisbu tul il-perjodu 2019-2029. Iżda l-krediti miksuba tul il-perjodu 2019-2024 għandhom jitqiesu għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-konformità tal-manifattur mal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tal-2025 biss.

Id-djun tal-emissjonijiet għandhom jinkisbu tul il-perjodu 2025-2029, iżda d-djun totali ma għandhomx jaqbżu l-5 % tal-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifattur fl-2025, immultiplikat bl-għadd ta' vetturi tqal tal-manifattur f'dik is-sena ("il-limitu tad-djun tal-emissjonijiet").

Il-krediti u d-djun tal-emissjonijiet miksuba fl-2025 u f'xi waħda mis-snin sussegwenti sal-2028, meta jkunu disponibbli, għandhom jiġu riportati minn sena kalendarja għal oħra sal-2029, meta d-djun tal-emissjonijiet li jkun fadal għandhom jixxejnu.

2. It-trajettorja tat-tnaqqis tas-CO_2 imsemmija fil-paragrafu 1(a) għandha tiġi stabbilita għal kull manifattur skont il-punt 5.1 tal-Anness I, abbażi ta' trajettorja lineari bejn l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1 u l-mira tal-2025 speċifikata fil-punt (a) ta' dak l-Artikolu, u bejn il-mira tal-2025 u l-mira tal-2030 speċifikati fil-punt (b) ta' dak l-Artikolu.

Artikolu 8
Konformità mal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi

1. Meta manifattur jinstab li għandu emissjonijiet żejda skont il-paragrafu 2 f'sena kalendarja partikolari mill-2025 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha timponi primjum għall-emissjonijiet żejda kkalkulat skont il-formula li ġejja:

(il-primjum għall-emissjonijiet żejda) = (l-emissjonijiet żejda x 6 800 €/gCO_2/tkm)

2. Manifattur għandu jitqies li għandu emissjonijiet żejda f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) Jekk, f'xi sena kalendarja bejn l-2025 u l-2028, is-somma tad-djun tal-emissjonijiet mingħajr is-somma tal-krediti tal-emissjonijiet tkun taqbeż il-limitu tad-dejn tal-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 7(1);

(b) Fis-sena kalendarja 2029, meta s-somma tad-djun tal-emissjonijiet mingħajr is-somma tal-krediti tal-emissjonijiet tkun akbar miż-żero;

(c) Fis-snin kalendarji mill-2030 'il quddiem, meta l-emissjonijiet speċifiċi medji tal-manifattur ikunu jaqbżu l-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu.

L-emissjonijiet żejda f'sena kalendarja partikolari għandhom jiġu kkalkulati skont il-punt 6 tal-Anness I.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-mezzi għall-ġbir tal-primjums għall-emissjonijiet żejda skont il-paragrafu 1 permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

4. L-ammonti tal-primjum għall-emissjonijiet żejda għandhom jitqiesu bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Artikolu 9
Verifika tad-dejta tal-monitoraġġ

1. L-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, b'kull devjazzjoni misjuba fl-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi tqal waqt is-servizz meta mqabbla maċ-ċifri indikati fiċ-ċertifikati tal-konformità jew fil-fajl tal-klijenti b'riżultat tal-verifiki mwettqa skont il-proċedura msemmija fl-[Artikolu 5(4)(l)] tar-Regolament (KE) Nru 595/2009.

2. Il-Kummissjoni għandha tqis dawk id-devjazzjonijiet għall-finijiet tal-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għar-rappurtar ta' dawn id-devjazzjonijiet u biex jitqiesu fil-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji. Dawk il-proċeduri għandhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 10
Pubblikazzjoni tad-dejta u tal-prestazzjoni ta' manifattur

1. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni li jiġu adottati sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, biex tindika:

(a) mill-2020, għal kull manifattur, l-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi medji tiegħu fis-sena kalendarja preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 4;

(b) mill-2020, il-fattur ta' mingħajr emissjonijiet u ta' emissjonijiet baxxi, kif imsemmi fl-Artikolu 5;

(c) mill-2026, għal kull manifattur, il-mira tal-emissjonijiet speċifiċi tiegħu għas-sena kalendarja preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 6;

(d) mill-2020 sal-2030, għal kull manifattur, it-trajettorja tat-tnaqqis tas-CO_2 tiegħu, il-krediti tal-emissjonijiet tiegħu u, mill-2026, id-djun tal-emissjonijiet tiegħu fis-sena preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 7;

(e) mill-2026, għal kull manifattur, l-emissjonijiet żejda tiegħu fis-sena kalendarja preċedenti, kif imsemmi fl-Artikolu 8;

(f) mill-2020, il-medja tal-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi għall-vetturi tqal ġodda kollha rreġistrati fl-Unjoni fis-sena kalendarja preċedenti.

Għall-pubblikazzjoni sal-31 ta' Ottubru 2020, il-lista għandha tinkludi l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza msemmija fl-Artikolu 1.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 15 li jaġġustaw l-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u b'konformità ma' dan li ġej:

(a) meta ċ-ċifri tat-tagħbija jkunu ġew aġġustati skont l-Artikolu 12(1)(c), skont il-proċedura stabbilita fil-punt 1 tal-Anness II;

(b) meta fattur tal-aġġustament ikun ġie ddeterminat skont l-Artikolu 12(2), billi jiġi applikat dan il-fattur tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika ċ-ċifri aġġustati tal-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza u għandha tapplikahom għall-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi tal-manifattur applikabbli fis-snin kalendarji applikabbli wara d-dħul fis-seħħ tal-atti delegati li jaġġustaw iċ-ċifri.

Artikolu 11

L-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-enerġija fid-dinja reali

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tivvaluta r-rappreżentanza fid-dinja reali taċ-ċifri tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-valuri tal-konsum tal-fjuwil iddeterminati skont ir-Regolament (UE) 2017/2400. Din għandha tiżgura li l-pubbliku jkun infurmat kif dik ir-rappreżentanza qed tevolvi maż-żmien.

2. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tiżgura d-disponibbiltà, mingħand il-manifatturi jew l-awtoritajiet nazzjonali, skont il-każ, ta' dejta robusta mhux personali dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-enerġija fid-dinja reali mill-vetturi tqal.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, l-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 12

Aġġustamenti fl-Annessi I u II

1. Biex ikun żgurat li l-parametri tekniċi użati għall-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' manifattur skont l-Artikolu 4 u l-kalkolu tal-miri tal-emissjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 6 jqisu l-progress tekniku u l-iżvilupp tal-loġistika tat-trasport tal-merkanzija, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 15 biex temenda d-dispożizzjonijiet li ġejjin stabbiliti fl-Annessi I u II.

(a) L-entrati għat-tip ta' kabina u għall-potenza tal-magna stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness I u d-definizzjonijiet ta' "kabina tal-irqad" u "kabina tal-jum" imsemmija f'dik it-Tabella;

(b) Il-ponderazzjonijiet tal-profili tal-missjoni stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Anness I;

(c) Iċ-ċifri tat-tagħbija stabbiliti fit-Tabella 3 tal-Anness I, u l-fatturi tal-aġġustament tat-tagħbija stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness II;

(d) Iċ-ċifri tal-kilometraġġ annwali stabbiliti fit-Tabella 4 tal-Anness I.

2. Meta l-proċeduri tal-approvazzjoni tat-tip stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 595/2009 u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu jiġu modifikati biex il-livell tal-emissjonijiet tas-CO_2 tal-vetturi rappreżentattivi definiti skont dan il-paragrafu

jiżdied jew jonqos b'aktar minn 5 g CO_2/km, il-Kummissjoni għandha tapplika aġġustament, b'konformità mal-Artikolu 10(2)(b), għall-emissjonijiet tas-CO_2 ta' referenza msemmija fl-Artikolu 10(1) li għandhom jiġu kkalkulati b'konformità mal-formula stabbilita fil-punt 2 tal-Anness II.

Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodoloġija għad-definizzjoni ta' vettura rappreżentattiva waħda jew aktar ta' subgrupp tal-vetturi, inkluż l-istatistika tal-ponderazzjonijiet tagħhom, li skontha għandu jiġi ddeterminat dak l-aġġustament, filwaqt li titqies id-dejta tal-monitoraġġ irrappurtata skont ir-Regolament (UE) Nru.../2018 u l-karatterisitiċi tekniċi tal-vetturi elenkati fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2017/2400.

Artikolu 13
Reviżjoni u Rappurtar

Sal-31 ta' Diċembru 2022, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, il-mira tat-tnaqqis tas-CO_2 li għandha tiġi ddeterminata għall-2030 skont l-Artikolu 1 u l-iffissar ta' miri tat-tnaqqis tas-CO_2 għal tipi oħra ta' vetturi tqal inkluż it-trejlers. Dak ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni tal-effikaċja tal-modalitajiet li jindirizzaw, b'mod partikolari, il-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi, l-aktar ix-xarabanks, filwaqt li jitqiesu l-miri stabbiliti fid-Direttiva 2009/33/KE[30], u s-sistema tal-krediti tas-CO_2 , u l-adegwatezza li tittawwal l-applikazzjoni ta' dawk il-modalitajiet fl-2030 u lil hinn u, meta xieraq, magħha tinhemeż proposta biex jiġi emendat dan ir-Regolament.

Artikolu 14
Komitoloġija

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat ta' [...] stabbilit bir-Regolament (UE) Nru .../2018 [Governanza]. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Meta l-Kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 15
Eżerċitar tad-delega

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hi mogħtija lill-Kummissjoni, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 10(2) u 12(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu taż-żmien mhux determinat minn [*enter the date of entry into force of this Regulation*].
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 10(2) u 12(1) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka

[30] Id-Direttiva 2009/33/KE dwar Vetturi Nodfa kif emendata bid-Direttiva .../.../UE

għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah fl-istess waqt lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 10(2) u 12(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jkunu esprimew l-ebda oġġezzjoni għalih fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma għarrfu lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż għal xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 16
Emenda fir-Regolament (KE) Nru 595/2009

Fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (KE) Nru 595/2009 għandu jiżdied il-punt (l) li ġej:

"(l) "proċedura li tivverifika, abbażi ta' kampjuni xierqa u rappreżentattivi, jekk il-vetturi li jkunu ġew irreġistrati u daħlu fis-servizz humiex konformi maċ-ċifri tal-emissjonijiet tas-CO_2 u tal-konsum tal-fjuwil iddeterminati skont dan ir-Regolament u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu;"

Artikolu 17
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Oqsma tal-politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għanijiet

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Modi ta' ġestjoni ppjanati

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestaturai tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tan-nefqa tal-baġit milquta

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda

1.2. Oqsma tal-politika kkonċernati fl-istruttura ABM/ABB[31]

34: Azzjoni klimatika

1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☑ Il-proposta/inizjattiva hia relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata ma' **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[32]

☐ Il-proposta/inizjattiva hi relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għanijiet

1.4.1. L-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta tikkostitwixxi miżura leġiżlattiva ewlenija ta' tielet Pakkett "L-Ewropa Attiva". Din tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropea tal-Kummissjoni għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi adottata fl-2016, u l-pjan ta' azzjoni tagħha biex titjieb l-effiċjenza tal-fjuwil u jonqsu l-emissjonijiet mill-vetturi tqal (HDV), jiġifieri t-trakkijiet, ix-xarabanks u l-kowċis. Il-proposta tikkontribwixxi biex jitwettaq l-impenn tal-Unjoni li tikseb tnaqqis domestiku ta' mill-inqas 40 % fl-emissjonijiet sal-2030 meta mqabbel mal-1990.

1.4.2. Għanijiet speċifiċi u l-attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernati

<u>L-għan speċifiku Nru 3</u> Aktar dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport fl-Unjoni permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki armonizzati (b'koperazzjoni ma' DĠ oħra bħad-DĠ MOVE, id-DĠ GROW,...) <u>Attivitajiet tal-ABM/ABB ikkonċernati</u> Attività ABB 34 02 – Azzjoni klimatika fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali. Attività ABB 07 02 – Politika ambjentali fl-livell tal-Unjoni u internazzjonali

[31] ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

[32] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. Ir-riżultati mistennija u l-impatt

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Il-proposta se tistabbilixxi l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal ġodda mqiegħda fis-suq tal-Unjoni.

Il-proposta se:

- tgħin biex jonqsu l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal;

- tnaqqas l-ispejjeż operattivi għall-operaturi tat-trasport u/jew l-ispejjeż tal-ġarr għall-konsumaturi;

- tgħin lill-industrija Ewropea tal-vetturi tqal biex iżżomm il-pożizzjoni tagħha ta' tmexxija teknoloġika u innovattiva.

1.4.4. Indikaturi tar-riżultati u l-impatt

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Indikatur 1: L-emissjonijiet tas-CO_2 l-konsum tal-fjuwil annwali medji għal kull subgrupp tal-vetturi, għal kull manifattur u għal kull Stat Membru, mill-vetturi tqal ġodda rreġistrati fl-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni taċ-ċertifikazzjoni.

Indikatur 2: Żieda fil-livell tal-innovazzjoni imkejjel f'termini ta' privattivi ġodda mill-manifatturi Ewropej tal-vetturi tqal relatati ma' teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-fjuwil u ma' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi.

Indikatur 3: Il-livell ta' impjiegi se jiġi mmonitorjat abbażi ta' statistika tal-Eurostat disponibbli pubblikament fuq dejta dwar l-impjiegi settorjali għall-Unjoni.

Indikatur 4: Il-monitoraġġ tal-kwalità tal-arja b'dejta dwar sustanzi niġġiesa tal-arja rrappurtata mill-pajjiżi taż-ŻEE skont AirBase[33].

Indikatur 5: It-titjib fis-sigurtà tal-enerġija se jkun monitorjat abbażi ta' statistika tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet tal-fjuwils, inkluż il-fjuwils tat-trasport.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.5.1. Rekwiżiti li għandhom jintlaħqu fi żmien qasir jew fit-tul

Il-manifatturi tal-vetturi tqal li jkun għadhom kif ġew irreġistrati fl-Unjoni għandhom:

- jikkonformaw mal-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi stabbiliti;

- jirrappurtaw lill-Kummissjoni d-dejta dwar il-konsum tal-fjuwil fid-dinja reali mkejjel b'apparati standardizzati;

- ikunu soġġetti għal testijiet tal-konformità waqt is-servizz, u r-riżultati tagħhom jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni.

[33] AirBase hi bażi tad-dejta dwar il-kwalità tal-arja Ewropea miżmuma mill-pajjiżi taż-ŻEE permezz taċ-Ċentru Tematiku Ewropew dwar it-Tniġġiż tal-Arja u l-Mitigazzjoni tat-Tibdil fil-Klima. Din tiġbor dejta tal-monitoraġġ dwar il-kwalità tal-arja u informazzjoni mibgħuta mill-pajjiżi parteċipanti mill-Unjoni kollha. Il-bażi tad-dejta dwar il-kwalità tal-arja tikkonsisti minn serje kronoloġika multiannwali ta' dejta u statistika ta' kejl tal-kwalità tal-arja għal għadd ta' sustanzi niġġiesa tal-arja.

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-UE

Is-swieq tal-vetturi tqal ġodda u s-servizzi tat-trasport, it-tnejn qed joperaw mal-UE kollha u huma partijiet integrali tas-Suq Uniku. L-istandards tal-emissjonijiet stabbiliti fil-livell tal-Unjoni se jevitaw il-frammentazzjoni tas-suq, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u se jkunu aktar kosteffettivi minn xi azzjoni meħuda fil-livell tal-Istati Membri individwali.

L-industrija awtomobilistika teħtieġ l-aktar ċertezza regolatorja possibbli biex tagħmel l-investimenti kapitali kbar meħtieġa ħalli timmassimizza l-ekonomija tal-fjuwil tal-vetturi ġodda, u b'mod aktar importanti għall-bidla lejn sorsi ġodda ta' enerġija primarja. Bl-istandards tinkiseb din iċ-ċertezza bi ppjanar fit-tul, u dawn ma jistgħux jiġu implimentati bl-istess effikaċja u ċertezza fil-livell tal-Istati Membri.

1.5.3. Tagħlimiet minn esperjenzi simili fil-passat

Għall-vetturi ħfief, jiġifieri l-karozzi u l-vannijiet, standards obbligatorji tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-UE kollha wasslu għal tjiebu l-livelli tal-effiċjenza tal-fjuwil u naqsu l-emissjonijiet tas-CO_2.

L-evalwazzjoni tar-Regolamenti eżistenti kkonkludiet li l-leġiżlazzjoni kienet għadha rilevanti, ġeneralment koerenti, u ffrankat emissjonijiet sinifikanti, filwaqt li kienet aktar kosteffettiva milli kien mistenni oriġinarjament biex jintlaħqu l-miri stabbiliti.

L-istandards proposti tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi ġodda huma msejsa fuq it-tagħlimiet miksuba mill-istandards tal-emissjonijiet għall-vetturi ħfief. Bħal fil-każ tal-karozzi u l-vannijiet hemm previsti għadd ta' flessibbiltajiet li jiżguraw implimentazzjoni kosteffettiva tal-istandards. Madankollu l-karatteristiċi speċjali tas-settur tal-vetturi tqal ħtieġu wkoll xi elementi ġodda fit-tfassil tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-vetturi tqal.

1.5.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Il-proposta hi konsistenti mal-politiki eżistenti tal-UE dwar il-mobbiltà, inkluż fost l-oħrajn miżuri bħas-sistema tal-UE għall-approvazzjoni tat-tip, ir-Regolament taċ-Ċertifikazzjoni[34], ir-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rappurtar[35], id-Direttiva dwar il-Eurovignette[36], id-Direttiva dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet massimi awtorizzati[37], id-Direttiva dwar Vetturi Nodfa[38], u d-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Fjuwil (FQD).

34 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400
35 COM(2017) 0279 final
36 Id-Direttiva 2011/76/UE
37 Id-Direttiva 2015/719/UE
38 Id-Direttiva 2009/33/KE

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva **b'tul taż-żmien limitat**

– ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☑ Proposta/inizjattiva **b'tul taż-żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mill-2019 sa tul taż-żmien mhux limitat.

– segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Modi ta' ġestjoni ppjanati[39]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** permezz ta' delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi maħtura minnhom;

– ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ il-korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn dawn ikunu jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jkunu jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk tindika aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, agħti d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[39] Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit web tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-impatti reali tal-leġiżlazzjoni se jiġu mmonitorjati u evalwati skont sett ta' indikaturi mfassla apposta skont l-għanijiet speċifiċi ta' politika li għandhom jintlaħqu skont il-liġi (ara l-punt 1.4.4 hawn fuq għal aktar dettalji dwar l-indikaturi).

Bir-rieżami nofsani tal-leġiżlazzjoni li hu previst għall-2022, il-Kummissjoni se tkun tista' tivvaluta l-effikaċja tal-leġiżlazzjoni u, meta xieraq, tipproponi bidliet.

Skont ir-Regolament propost dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tad-dejta dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal, il-Kummissjoni se tiġbor id-dejta dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 u l-konsum tal-fjuwil li tirriżulta mill-proċedura taċ-ċertifikazzjoni. B'hekk, il-monitoraġġ hu marbut mill-qrib mal-proċess taċ-ċertifikazzjoni u mal-operazzjoni u l-ġestjoni tal-għodda tas-simulazzjoni VECTO.

Il-proposta dwar l-istandards tas-CO_2 tippreżenta żewġ miżuri addizzjonali tal-monitoraġġ biex tikkumplimenta r-Regolament dwar il-monitoraġġ u r-rapportar tad-dejta dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal.

1. Il-ġbir, il-pubblikazzjoni, u l-monitoraġġ tad-dejta dwar il-konsum tal-fjuwil fid-dinja reali li rrappurtaw il-manifatturi u bbażata fuq apparat standardizzat obbligatorju.

2. Introduzzjoni ta' testijiet tal-konformità waqt is-servizz u l-obbligu li jiġu rrappurtati d-devjazzjonijiet miċ-ċifri tal-approvazzjoni tat-tip, li jistgħu jiġu indirizzati b'mekkaniżmu tal-korrezzjoni.

Dawn miżuri kumplimentari ta' monitoraġġ isaħħu l-proċess tal-monitoraġġ u jiżguraw l-effikaċja tal-inizjattiva leġiżlattiva proposta.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskji identifikati

Il-monitoraġġ effiċjenti hu kondizzjonali għal proċess taċ-ċertifikazzjoni li jiffunzjona tajjeb u għal dejta affidabbli dwar l-emissjonijiet mill-għodda VECTO użata għall-finijiet tar-Regolament dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tad-dejta dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal.

Ir-riskju ta' dejta żbaljata dwar l-emissjonijiet jew ta' rappurtar tard mill-manifatturi jew mill-Istati Membri skont ir-Regolament dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tad-dejta dwar l-emissjonijiet tas-CO_2 mill-vetturi tqal jista' jwassal għal diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2.

2.2.2. Informazzjoni dwar is-sistema stabbilita ta' kontroll intern

Il-metodi ta' kontroll previsti huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u fir-Regoli tal-Applikazzjoni.

2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' error

N/A

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni eżistenti jew previsti.

Minbarra l-applikazzjoni tar-Regolament Finanzjarju biex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet, il-proposta tipprevedi penali finanzjarji fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-miri tal-emissjonijiet tas-CO_2 speċifiċi. Barra minn hekk, kif ġie spjegat fil-punt 2.1 hawn fuq, il-proposta tipprovdi għal monitoraġġ tal-konsum tal-fjuwil fid-dinja reali kif ukoll għal testijiet tal-konformità waqt is-servizz u mekkaniżmu tal-korrezzjoni f'każ ta' devjazzjoni konsiderevoli bejn id-dejta fid-dinja reali u d-dejta tal-approvazzjoni tat-tip. Dawn il-miżuri se jiżguraw l-effikaċja tal-proposta u se jnaqqsu r-riskju ta' irregolaritajiet.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestaturai tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tan-nefqa tal-baġit milquta

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Għadd [2][Intestatura, Riżorsi Naturali ………………………...…………….]	Diff./Mhux diff[40].	mingħand pajjiżi tal-EFTA[41]	mingħand pajjiżi kandidati[42]	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
2	34 02 01: Tnaqqis tal-emissjonijiet GHG (mitigazzjoni)	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Għadd […][Intestatura………………………………………]	Diff./Mhux diff.	mingħand pajjiżi tal-EFTA	mingħand pajjiżi kandidati	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[…][XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

40 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
41 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
42 Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din it-taqsima jenħtieġ timtela bl-użu ta' **spreadsheet dwar id-dejta tal-baġit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness ta' din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u tittella' fuq is-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

F'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru 2	Tkabbir Sostenibbli: Riżorsi Naturali

Il-Kummissjoni Ewropea[43]			Sena **2019**[44]	Sena **2020**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL 2019-2020**
•Approprjazzjonijiet operazzjonali										
34.02.01	Impenji	(1)	0.500	0.500						**1.000**
	Pagamenti	(2)	0.500	0.500						**1.000**
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[45]										
Numru tal-linja baġitarja		(3)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-Kummissjoni Ewropea	Impenji	=1+1a +3	0.500	0.500						**1.000**
	Pagamenti	=2+2a +3	0.500	0.500						**1.000**

43 Is-servizzi kkonċernati huma kif ġej: DĠ CLIMA, DĠ GROW, JRC

44 Is-sena N hi s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

45 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

•Total tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	0.500	0.500						**1.000**
	Pagamenti	(5)	0.500	0.500						**1.000**
•Total tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	0.500	0.500						**1.000**
	Pagamenti	=5+ 6	0.500	0.500						**1.000**

<u>Jekk il-proposta/inizjattiva jaffettwaw aktar minn intestatura waħda:</u>

•Total tal-approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
•Total tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	0.500	0.500						**1.000**
	Pagamenti	=5+ 6	0.500	0.500						**1.000**

L-approprjazzjonijiet operazzjonali mitluba skont l-Intestatura 2 se jiġu allokati mill-fond għall-programm LIFE disponibbli (skont is-sottoprogramm għall-Azzjoni Klimatika).

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**5**	"Nefqa amministrattiva"

F’miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL 2019-2020**
Il-Kummissjoni Ewropea									
•Riżorsi umani		0.429	0.429						**0.858**
•Nefqa amministrattiva oħra		0.015	0.015						**0.030**
Total għall-Kummissjoni Ewropea	Approprjazzjonijiet	0.444	0.444						**0.888**

TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0.444	0.444						**0.888**

F’miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		Sena **2019**[46]	Sena **2020**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL 2019-2020**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.944	0.944						**1.888**
	Pagamenti	0.944	0.944						**1.888**

46 Is-sena N hi s-sena meta tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet ta’ impenn f’miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-għanijiet u r-riżultati			Sena **2019**		Sena **2020**		Sena **N+2**		Sena **N+3**		Daħħal snin kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)						**TOTAL 2019-2020**	
	RIŻULTATI																	
⇩	Tip[47]	Spiża medja	Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd	Spiża	Għadd totali	Spiża totali
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 3[48]…																		
- Riżultat	Kuntatt ta’	0.500	1		1	0.500												1.000
- Riżultat																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1																		
GĦAN SPEĊIFIKU Nru 2...																		
- Riżultat																		
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2																		
SPIŻA TOTALI			1	0.500	1	0.500												1.000

[47] Ir-riżultati huma prodotti u servizzi fornuti (eż. l-għadd ta’ skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta’ kilometri ta’ toroq mibnija, eċċ.).

[48] Kif deskritt fil-punt 1.4.2. “Għanijiet speċifiċi...”

3.2.3. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

F’miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **2022**	Sena **2023**	Daħħal snin kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			**TOTAL**
għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	0.429	0.429						**0.858**
Nefqa amministrattiva oħra	0.015	0.015						**0.030**
Subtotal għall-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0.444	0.444						**0.888**
Barra mill-INTESTATURA 5[49] **tal-qafas finanzjarju pluriennali**								
Riżorsi umani	0	0						**0**
Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva	0	0						**0**
Subtotal Barra mill-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	0	0						**0**
TOTAL	**0.444**	**0.444**						**0.888**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b’approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun meħtieġ, ma’ xi allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta’ ġestjoni skont il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

[49] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b’appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima għandha tiġi espressa f’unitajiet ekwivalenti għal fulltime

	Sena **2019**	Sena **2020**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)
• Karigi fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)					
34 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	3	3			
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)					
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)					
10 01 05 01 (Riċerka diretta)					
• Persunal estern (f’unità Ekwivalenti għal Fulltime: FTE)[50]					
34 01 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)	0	0			
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 04 **yy**[51] - fil-Kwartieri Ġenerali					
- fid-Delegazzjonijiet					
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)	0	0			
Linji baġitarji oħra (speċifika)					
TOTAL	**3**	**3**			

XX hu l-qasam ta’ politika jew it-titolu tal-baġit ikkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jissodisfahom il-persunal tad-DĠ li diġà ġew assenjati bil-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ, u jekk ikun meħtieġ flimkien ma’ xi allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ ta’ ġestjoni skont il-proċedura ta’ allokazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Se jkun hemm bżonn tliet uffiċjali AD addizzjonali mill-2019 ’il quddiem biex ikunu responsabbli għat-tħejjija tal-leġiżlazzjoni ta’ implimentazzjoni rilevanti u biex jiżguraw implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni effettiva ta’ dan ir-Regolament u ta’ kwistjonijiet relatati meħtieġa, b’rabta mat-tħaddim tal-għodda VECTO u l-ġestjoni tal-proċess taċ-ċertifikazzjoni. Deskrizzjoni dettaljata tal-kompiti speċifiċi hi prevista hawn taħt.

[50] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = persunal tal-aġenzija JED = Esperti Żgħażagħ f’Delegazzjonijiet.

[51] Sublimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji “BA”).

	1. Kompiti relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament: a. L-iffissar ta' miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 u ta' linji ta' kreditu għall-finijiet tal-ibbankjar; b. L-organizzazzjoni, is-superviżjoni u l-kontroll tal-proċeduri tal-ibbankjar u tas-self; c. L-organizzazzjoni, is-superviżjoni u l-kontroll tal-mekkaniżmu ta' inċentivi għall-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi; d. L-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' reviżjoni fl-2022 – reviżjoni tal-livelli tal-mira, il-linji tal-kreditu, il-livelli massimi applikabbli, l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni eċċ.; e. Is-superviżjoni tal-proċess tal-ġbir, il-pubblikazzjoni u l-monitoraġġ tad-dejta dwar l-emissjonijiet fid-dinja reali. L-identifikazzjoni u l-kontroll ta' xi azzjoni korrettiva, jekk tkun meħtieġa. f. Is-superviżjoni u l-analiżi tar-riżultati tat-testijiet tal-konformità waqt is-servizz. L-identifikazzjoni u l-kontroll ta' xi mekkaniżmu tal-korrezzjoni, jekk ikun meħtieġ. g. Valutazzjoni tal-konformità annwali u multiannwali, inkluż l-applikazzjoni u l-ġbir tal-penali. 2. Kompiti relatati mal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tar-Regolament. 3. Kompiti relatati mal-għodda VECTO: a. aktar żvilupp tal-għodda biex tkun tinkludi teknoloġiji innovattivi ġodda bi "proċedura rapida" b. ġestjoni tal-"proċedura rapida tal-VECTO" malli tiġi stabbilita (simili għall-proċedura "ekoinnovazzjonijiet" għall-vetturi ħfief) c. aktar estensjoni tal-VECTO biex tkopri x-xarabanks u l-kowċis, it-trakkijiet iżgħar u t-trejlers u l-għamla reali tat-trakkijiet; d. il-ġestjoni tal-operazzjoni tal-għodda VECTO mħaddma b'mod ċentrali fuq pjattaforma tal-internet, dak li jista' jkun meħtieġ biex jiġu indirizzati l-approvazzjonijiet tat-tip f'diversi stadji (għax-xarabanks u l-kowċis u għaċ-ċertifikazzjonijiet tal-għamla reali), l-informazzjoni tal-konsumatur (simulazzjoni komparattiva ta' vetturi differenti bi profili tal-missjoni personalizzati) u l-ittestjar indipendenti (it-twettiq ta' simulazzjonijiet tat-test ta' verifika). e. Il-ġestjoni ta' għodod awżiljarji li jappoġġaw lill-VECTO, eż. ta' proċess tal-approvazzjoni għal għodod kummerċjali tad-dinamika komputazzjonali tal-fluwidi (CFD) jew l-iżvilupp ta' għodda ta' referenza tas-CFD mill-Kummissjoni. f. Il-kisba ta' għarfien profond biżżejjed dwar is-sensji meħtieġa

	tal-persunal ħalli jkun żgurat li i. l-Kummissjoni tkun tista’ topera l-VECTO kuljum b’mod indipendenti mill-kuntratturi esterni ii. l-offerti tal-iżvilupp ikunu jistgħu jiġu speċifikati b’biżżejjed dettall u profondità (eż. deskrizzjoni tal-moduli ta’ programm individwali fuq livell funzjonali) b’mod li dawn ikunu aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta’ offerenti, inkluż dawk mingħajr għarfien minn qabel dwar l-għodda VECTO. 4. Kompiti relatati mal-proċess taċ-ċertifikazzjoni a. biex ikun żgurat li dan jinżam aġġornat fil-ħin u jkollu l-karatteristiċi meħtieġa għal implimentazzjoni xierqa tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO_2. b. Appoġġ għall- “proċedura rapida tal-VECTO” biex tkun tinkludi teknoloġiji ġodda Għalkemm il-kompiti fil-punti 3 u 4 hawn fuq huma relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-monitoraġġ u r-rappurtar u mar-Regolament taċ-Ċertifikazzjoni, dawn huma differenti u apparti minn dawk jwettqu l-membri tal-persunal li bħalissa jaħdem f’dawn l-oqsma. Għall-implimentazzjoni ta’ din tal-aħħar, intalbu żewġ aġenti kuntrattwali għaż-ŻEE biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tas-sistema ta’ rappurtar u għat-tħejjija ta’ assigurazzjoni tal-kwalità u ta’ sistemi tal-kontroll tal-kwalità tad-dejta. Għall-implimentazzjoni ta’ dawn tal-aħħar hemm bżonn riżorsi umani addizzjonali b’għarfien speċifiku fil-VECTO għall-finijiet biex jiġi aġġornat ir-Regolament taċ-Ċertifikazzjoni.
Persunal estern	L-ebda

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

– ☑ Il-proposta/inizjattiva hi kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva se tinvolvi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hemm bżonn, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. […]

– ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta’ flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega x’hemm bżonn, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. […]

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet mingħand partijiet terzi*

– Il-proposta/inizjattiva ma tipprovdix għal kofinanzjament mingħand partijiet terzi.

– Il-proposta/inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f’miljuni ta’ EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta’ kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ☑ Il-proposta/inizjattiva ma tħalli l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/inizjattiva tħalli dan l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq id-dħul mixxellanju

F'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Linja tad-dħul tal-baġit:	Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/inizjattiva[52]						
		Sena **N**	Sena **N+1**	Sena **N+2**	Sena **N+3**	Daħħal snin kemm meħtieġ biex turi t-tul taż-żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
L-Artikolu...								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linji tan-nefqa tal-baġit affettwati.

Ir-Regolament tfassal b'mod li jiżgura l-konformità sħiħa tal-manifatturi kollha. Għaldaqstant, mhu mistenni li jiġi ġġenerat l-ebda dħul mill-Primjums għall-Emissjonijiet Żejda kif previst skont l-Artikolu 8. Iżda jekk jiġi ġġenerat dħul bl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu, dawn jiġu inkorporati fil-baġit ġenerali tal-UE. Il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża mal-proposta tipprovdi firxiet ta' totali potenzjali ta' Primjums għall-Emissjonijiet Żejda li jistgħu ikunu dovuti fil-każ ta' nuqqas ta' konformità.

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[…]

52 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.